ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 322

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

**Volum 56**

**3 ta' Diċembru 2013**

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

2013/702/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2013 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' San Marino, min-naħa l-oħra, rigward il-parteċipazzjoni, bħala parti kontraenti, tar-Repubblika tal-Kroazja, wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea** .......... 1

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1228/2013 tat-28 ta' Novembru 2013 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** .................. 6

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1229/2013 tat-28 ta' Novembru 2013 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** .................. 8

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2013 tat-28 ta' Novembru 2013 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** .................. 11

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1231/2013 tat-28 ta' Novembru 2013 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** .................. 13

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 3**

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1232/2013 tat-28 ta' Novembru 2013 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** ..... 15

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1233/2013 tad-29 ta' Novembru 2013 li jistabbilixxi deroga mir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għas-sajd mit-tartaruni għall-makku u l-makku ferreri (*Aphia minuta u Pseudaphia ferreri*) u għall-arżnell (*Spicara smaris*) f'ċerti ilmijiet territorjali ta' Spanja (il-Gżejjer Baleariċi)** ..... 17

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1234/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1020/2012 li jadotta l-pjan li jalloka riżorsi lill-Istati Membri li għandhom jitħallsu mis-sena baġitarja 2013 għall-provvista tal-ikel mill-ħażniet tal-intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni Ewropea** ..... 19

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1235/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, għal dak li jirrigwarda s-sustanza diklażuril** ([1]) ..... 21

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1236/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "mezzi fuq il-binarji – vaguni tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 321/2013** ([1]) ..... 23

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1237/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 29

DEĊIŻJONIJIET

2013/703/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall** 31

2013/704/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2013 li tapprova l-aġġornament tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku tal-Portugall** ..... 38

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fuq il-qoxra ta' wara minn ġewwa)*

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tas-7 ta' Ottubru 2013**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll għall-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' San Marino, min-naħa l-oħra, rigward il-parteċipazzjoni, bħala parti kontraenti, tar-Repubblika tal-Kroazja, wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea**

(2013/702/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 u l-Artikolu 352, flimkien mal-Artikolu 218(5) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8),

Wara li kkunsidra l-Att tal-Adeżjoni tal-Kroazja, u b'mod partikolari, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fl-14 ta' Settembru 2012, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni sabiex tiftaħ negozjati mar-Repubblika ta' San Marino għall-adattament, permezz ta' Protokoll, tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni u Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' San Marino, min-naħa l-oħra [1], rigward il-parteċipazzjoni tal-Kroazja bħala parti kontraenti, fid-dawl tal-adeżjoni tagħha mal-Unjoni ("il-Protokoll").

(2) In-negozjati dwar il-Protokoll saru mill-Kummissjoni u ġew konklużi reċentament.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(4) Il-Kroazja aderiet mal-Unjoni fl-1 ta' Lulju 2013.

(5) Fid-dawl tal-adeżjoni tal-Kroazja fl-Unjoni u biex tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tagħha bħala parti kontraenti fil-Ftehim mid-data tal-adeżjoni tagħha, il-Protokoll għandu jiġi applikat provviżorjament minn dik id-data,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha tal-Protokoll għall-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' San Marino, min-naħa l-oħra, dwar il-parteċipazzjoni tal-Kroazja bħala parti kontraenti, wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea, huwa b'dan awtorizzat, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina lill-persuna(i) bis-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni.

*Artikolu 3*

Il-Protokoll għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja, skont l-Artikolu 5, mill-1 ta' Lulju 2013, sakemm jitlestew il-proċeduri għall-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ottubru 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BERNATONIS

---

[1] ĠU L 84, 28,3.2002, p. 43.

# PROTOKOLL

## għall-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika ta' San Marino, min-naħa l-oħra, rigward il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja bħala parti kontraenti wara l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni Ewropea

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TAL-PAJJIŻI L-BAXXI,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-ISVEZJA, U

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ

minn hawn 'il quddiem "l-Istati Membri" u

L-UNJONI EWROPEA,

minn naħa,

u

IR-REPUBBLIKA TA' SAN MARINO,

min-naħa l-oħra,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni u l-Unjoni Doganali bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika ta' San Marino, min-naħa l-oħra, tas-16 ta' Diċembru 1991 ("il-Ftehim"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' April 2002,

Wara li kkunsidraw l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013,

Billi r-Repubblika tal-Kroazja għandha ssir parti kontraenti għall-Ftehim,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Ir-Repubblika tal-Kroazja hawnhekk taderixxi bħala Parti Kontraenti għall-Ftehim.

*Artikolu 2*

Dan il-Protokoll għandu jkun parti integrali tal-Ftehim.

*Artikolu 3*

1. Dan il-Protokoll għandu jiġi approvat mill-Partijiet Kontraenti skont il-proċeduri tagħhom stess.

2. Il-Partijiet għandhom jinnotifikaw lil xulxin bit-tlestija ta' dawn il-proċeduri. L-istrumenti ta' approvazzjoni jiġu depożitati mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 4*

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tal-ewwel xahar wara d-data tad-depożitu tal-aħħar strument ta' approvazzjoni.

*Artikolu 5*

Dan il-Protokoll għandu japplika provviżorjament mill-1 ta' Lulju 2013.

*Artikolu 6*

It-test tal-Ftehim u d-Dikjarazzjonijiet annessi miegħu huma miktuba fil-lingwa Kroata ([1]). Dawn huma ugwalment awtentiċi bħat-testi fl-ilsna l-oħra li bihom huma miktuba l-Ftehim u d-Dikjarazzjonijiet annessi miegħu.

*Artikolu 7*

Dan il-Ftehim għandu jiġi kkompilat f'żewġ kopji bil-Bulgaru, bil-Kroat, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol u bl-Isvediż, u kull wieħed minn dawn it-testi huwa awtentiku bl-istess mod.

([1]) Il-verżjoni bil-Kroat tal-Ftehim u tad-Dikjarazzjonijiet annessi miegħu huma ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali, Edizzjoni Speċjali, 2013, Kapitolu 02, Volum 17, paġna 111.

Съставено в Брюксел на двадесет и девети октомври две хиляди и тринадесета година.

Hecho en Bruselas, el veintinueve de octubre de dos mil trece.

V Bruselu dne dvacátého devátého října dva tisíce třináct.

Udfærdiget i Bruxelles den niogtyvende oktober to tusind og tretten.

Geschehen zu Brüssel am neunundzwanzigsten Oktober zweitausenddreizehn.

Kahe tuhande kolmeteistkümnenda aasta oktoobrikuu kahekümne üheksandal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις είκοσι εννέα Οκτωβρίου δύο χιλιάδες δεκατρία.

Done at Brussels on the twenty-ninth day of October in the year two thousand and thirteen.

Fait à Bruxelles, le vingt-neuf octobre deux mille treize.

Sastavljeno u Bruxellesu dvadeset devetog listopada dvije tisuće trinaeste.

Fatto a Bruxelles, addì ventinove ottobre duemilatredici.

Briselē, divi tūkstoši trīspadsmitā gada divdesmit devītajā oktobrī.

Priimta du tūkstančiai tryliktų metų spalio dvidešimt devintą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-tizenharmadik év október havának huszonkilencedik napján.

Magħmul fi Brussell, fid-disgħa u għoxrin jum ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlettax.

Gedaan te Brussel, de negenentwintigste oktober tweeduizend dertien.

Sporządzono w Brukseli dnia dwudziestego dziewiątego października roku dwa tysiące trzynastego.

Feito em Bruxelas, em vinte e nove de outubro de dois mil e treze.

Întocmit la Bruxelles la douăzeci și nouă octombrie două mii treisprezece.

V Bruseli dvadsiateho deviateho októbra dvetisíctrinásť.

V Bruslju, dne devetindvajsetega oktobra leta dva tisoč trinajst.

Tehty Brysselissä kahdentenakymmenentenäyhdeksäntenä päivänä lokakuuta vuonna kaksituhattakolmetoista.

Som skedde i Bryssel den tjugonionde oktober tjugohundratretton.

За държавите-членки
Por los Estados miembros
Za členské státy
For medlemsstaterne
Für die Mitgliedstaaten
Liikmesriikide nimel
Για τα κράτη μέλη
For the Member States
Pour les États membres
Za države članice
Per gli Stati membri
Dalībvalstu vārdā –
Valstybių narių vardu
A tagállamok részéről
Għall-Istati Membri
Voor de lidstaten
W imieniu Państw Członkowskich
Pelos Estados-Membros
Pentru statele membre
Za členské štáty
Za države članice
Jäsenvaltioiden puolesta
För medlemsstaterna



За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sajungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen



За Република Сан Марино
Por la República de San Marino
Za Republiku San Marino
For Republikken San Marino
Für die Republik San Marino
San Marino Vabariigi nimel
Για τη Δημοκρατία του Αγίου Μαρίνου
For the Republic of San Marino
Pour la République de Saint-Marin
Za Republiku San Marino
Per la Repubblica di San Marino
Sanmarīno Republikas vārdā –
San Marino Respublikos vardu
A San Marino Köztársaság részéről
Għar-Repubblika ta' San Marino
Voor de Republiek San Marino
W imieniu Republiki San Marino
Pela República de São Marino
Pentru Republica San Marino
Za Sanmarínsku republiku
Za Republiko San Marino
San Marinon tasavallan puolesta
För Republiken San Marino



# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1228/2013

### tat-28 ta' Novembru 2013

### dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqu, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni tat-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikati fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([2]). Dan il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma ħariġx opinjoni fil-limitu ta' żmien stipulat mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikati fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx tikkonforma ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi-Brussell, it-28 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1):

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (Kodiċi-NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Il-prodott huwa forma ta' kaxxa rettangolari magħmula minn kartun solidu b'wiċċ estern ta' folji tal-plastik mhux aktar minn nofs il-ħxuna totali.<br><br>Il-kaxxa hija mibnija bħal kaxxetta li għandha kexxun uniku li joħroġ 'il barra minn ġewwa l-kaxxa u li huwa mfassal biex juri flixkun meta tinfetaħ il-kaxxa.<br><br>Il-kexxun huwa magħmul biex iżomm flixkun tal-inbid ta' dimensjonijiet speċifiċi. Fuq in-naħa ta' ġewwa tal-kexxun hemm buttuna ċirkolari mwaħħla ma' ħajt wieħed u struttura f'forma ta' ċurkett imwaħħla mal-ħajt ta' faċċata. L-istruttura f'forma ta' ċurkett hija mfassla biex tagħlaq il-parti ta' fuq tal-flixkun u l-buttuna ċirkolari biex titwaħħal fil-parti l-vojta fil-qiegħ tal-flixkun.<br><br>Barra minn hekk, ġewwa l-kexxun hemm but żgħir tal-kartonċin imwaħħal mal-ħajt tal-ġenb biex iżżomm fuljett. (*) | 4202 92 19 | Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1, u 6 għall-interpretazzjoni tan-nota 2(h) għall-Kapitolu 48 tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċijiet NM 4202, 4202 92 u 4202 92 19.<br><br>Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 4819 bħala kaxxa tal-kartun hija eskluża, minħabba li l-oġġett mhuwiex biss sempliċi kaxxa tal-kartun ta' dik l-intestatura iżda, minħabba d-disinn tiegħu, is-solidità tiegħu, il-folji tal-plastik u l-istruttura interna biex takkomoda flixkun ta' dimensjonijiet speċifiċi, huwa rikonoxxibbli bħala bottle-case tal-kartun u folji tal-plastik, koperti mit-tieni parti tat-test tal-intestatura 4202..<br><br>Għaldaqstant l-oġġett għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 4202 92 19 bħala "bottle-case". |

(*) Ir-ritratt huwa għal skopijiet ta' tagħrif biss.



# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1229/2013

## tat-28 ta' Novembru 2013

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikati fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 ([2]). Dak il-perjodu għandu jiġi stabbilit għal tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikati fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx tikkonforma ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (Kodiċi - NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Il-prodott jikkonsisti minn pjattaforma tal-injam (bil-kejl ta' madwar 40 b'40 cm) il-wiċċ u t-truf tagħha huma mgħottija minn drapp minsuġ miksi bil-feltru ta' fibri sintetiċi (polipropelin). In-naħa ta' wara tad-drapp huwa magħmul minn plastik ċellulari.<br><br>Fiċ-ċentru tal-pjattaforma, hemm tubu b'60cm għoli magħmul mill-kartun, b'għatu fuq iż-żewġ truf. L-għatu fil-qiegħ huwa magħmul minn plastik iebes, u hemm vit li jgħaddi minn ġol-pjattaforma tal-injam fl-għatu tal-plastik biex il-pjattaforma teħel mat-tubu. L-għatu tal-wiċċ huwa magħmul minn parti tonda tal-materjal tal-pjattaforma tal-injam b'dijametru ta' madwar 12cm u li huwa mgħotti minn drapp tal-pil minsuġ (filpa magħmula minn 60% ta' poliakril u 40% poliester).<br><br>It-tubu huwa mgħotti minn tapit tas-sisal imwaħħal bil-kolla u ffissat bl-istejpils. It-tapit tas-sisal għandu l-parti ta' wara magħmula minn kisi tal-lattiċe applikat fuq id-drapp minsuġ ta' fibri veġetali mibrumin tas-sisal (ara r-ritratt nru 668B). Kull spaga minsuġa tal-fibri tas-sisal għandha tul ta' aktar minn 20 000 decitex.<br><br>(Ara ritratti nri 668A u 668B) (*) | 6307 90 98 | Il-klassifikazzjoni hija stabbilita bid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1, 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Maqgħuda (GIR) bin-nota 7(f) tat-Taqsima XI u mill-kliem tal-Kodiċijiet NM 6307, 6307 90 u 6307 90 98.<br><br>Minħabba l-karatteristiċi oġġettivi tiegħu, il-prodott huwa wieħed għall-qtates u huma mfassal biex jattira l-qtates u biex iżommhom 'il bogħod mill-għamara li kieku jigirfu jew joqogħdu fuqha.<br><br>Il-klassifikazzjoni bħala għamara taħt l-intestatura 9403 hija eskluża minħabba li din l-intestatura tkopri prodotti ta' natura differenti li jintużaw għal djar privati, lukandi, uffiċċji, skejjel, knejjes, ħwienet, laboratorji, eċċ. (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata (NSSA) għall-intestatura 9403 tan-NS).<br><br>Il-klassifikazzjoni bħala ġugarelli taħt l-intestatura 9503 hija wkoll eskluża għax il-prodott huwa identifikabbli bħala maħsub esklussivament għall-annimali u għalhekk mhuwiex kopert mill-intestatura skont in-nota 5 tal-Kapitolu 95.<br><br>Il-materjal tat-tessuti huwa essenzjali biex jattira l-qtates (e.ż. biex jigirfu d-dwiefer tagħhom fuqu, ipoġġu fuqu u jilagħbu bih) u konsegwentament essenzjali għall-użu tal-prodott bħala faċilità għall-qtates biex jigirfu u jilagħbu. Għalhekk, huwa l-materjal tat-tessuti (mhux l-injam, il-kartun jew il-plastik) li jagħti lill-prodott il-karattru essenzjali tiegħu fit-tifsira tal-GIR 3(b).<br><br>Il-fibri tas-sisal tal-intestatura 5305 ġew mibruma fi twine tal-intestatura 5607 fit-tifsira tan-nota 3(A)(e) tat-Taqsima XI tan-NM (ara wkoll in-NSSA għall-intestatura 5305, l-ewwel paragrafu, u d-distinzjoni bejn ħajt u spag fit-tabella I, tip: tal-fibri veġetali l-oħrajn, fin-NSSA tat-Taqsima XI, Ġenerali, (1)(B)(2)).<br><br>Madankollu, id-drapp tas-sisal minsuġ ma jistax jiġi klassifikat fl-intestatura 5609 bħala prodott ta' spag, minħabba li din l-intestatura ma tkoprix prodotti ta' tessuti koperti minn intestatura aktar speċifika għad-drappijiet tat-tessuti bħall-intestatura 6307 (ara wkoll in-NSSA għall-intestatura 5609, l-ewwel paragrafu u t-tielet paragrafu, punt (c)).<br><br>La t-tapit tas-sisal u lanqas id-drapp minsuġġ miksi bil-feltru ta' fibri sintetiċi bil-ksja tiegħu ta' plastik ċellulari ma jistgħu jiġu kklassifikati fil-Kapitolu 57 fit-tifsira tan-nota 1 għal dak il-Kapitolu billi dawk il-materjali huma parti minn oġġett biex il-qattus joqgħod jigref u li ma għandux fini ta' għamara (ara wkoll in-NSSA għall-Kapitolu 57, Ġenerali, l-ewwel paragrafu). |

| (1) | (2) | (3) |
|---|---|---|
| | | Konsegwentament, prodott magħmul minn drapp tas-sisal minsuġ, drapp bil-pil minsuġ, u drapp minsuġġ miksi bil-feltru u fibri sintetiċi, għandu jiġi klassifikat taħt l-intestatura 6307.<br><br>Għalhekk il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 6307 90 98, bħala "prodott iehor magħmul mit-tessutti". |

(*) Ir-ritratti huma għall-għan ta' informazzjoni biss.



**668A**



**668B**

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1230/2013

## tat-28 ta' Novembru 2013

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqu, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella li tinsab fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-merkanzija kkonċernata minn dan ir-Regolament li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12 (6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 ([2]). Dak il-perjodu għandu jkun ta' [tliet] xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella li tinsab fl-Anness ikunu klassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li tkun għadha ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' [tliet] xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

([2]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (Kodiċi NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Il-prodott jinħareġ għall-bejgħ bl-imnut f'forma ta' pilloli b'piż totali ta' madwar 900 mg kull waħda, b'kull pillola tikkonsisti fi (mg):<br>— Aċidu alfalipojku 300,<br>— kalċju (bħala fosfat tal-kalċju dibażiku) 88,5,<br>— ċelluloża mikrokristallina, etilċelluloża tal-idrossipropil, dijossidu tas-siliċju kollojdali u stearat tal-manjeżju ca. 511.<br><br>Skont it-tikketta, il-prodott huwa ppreżentat bħala suppliment tal-ikel għall-konsum mill-bniedem. Id-doża ta' kuljum rakkomandata indikata fuq it-tikketta hija ta' pillola waħda kuljum. | 3004 90 00 | Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u mill-kliem tal-kodiċi tan-NM 3004 u 3004 90 00.<br><br>Għalkemm il-prodott huwa ppreżentat bħala suppliment tal-ikel, għandu effetti fil-qasam tal-prevenzjoni jew it-trattament ta' mard jew uġigħ. Il-klassifikazzjoni tiegħu taħt l-intestatura 2106 bħala preparazzjoni tal-ikel li mhux speċifikat jew inkluż x'imkien ieħor hija għaldaqstant eskluża (ara wkoll in-noti ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 2106, punt (16)).<br><br>Il-prodott jinħareġ għall-bejgħ bl-imnut f'dożi mkejla u jesibixxi proprjetajiet terapewtiċi jew profilattiċi definiti b'mod ċar, eż. kontra l-polinewropatija.<br><br>Huwa għalhekk għandu jkun klassifikat bħala mediċina ppreżentat f'dożi mkejla għall-bejgħ bl-imnut tal-intestatura 3004. |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1231/2013

## tat-28 ta' Novembru 2013

## dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqu, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella li tinsab fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' dik it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-merkanzija kkonċernata minn dan ir-Regolament li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 ([2]).Dak il-perjodu għandu jkun ta' [tliet] xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali],

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella li tinsab fl-Anness għandhom ikunu klassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikat fil-kolonna (2) ta' dik it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li tkun għadha ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perijodu ta' [tliet] xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Dacian CIOLOŞ
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1).

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (Kodiċi NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| L-estratti aromatiċi distillati u trattati (TDAE) għandhom dawn il-karatteristiċi fiżikokimiċi li ġejjin:<br>— kontenut ta' kostitwenti aromatiċi bejn l-74,2 % u l-75 % ta' piż, kif determinat mill-proċess tal-kolonna kromatografika deskritt fl-Anness A tal-Kapitolu 27 tan-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda (CNEN);<br>— densità f'temperatura ta' 15 °C bejn 0,9521 u 0,9590 g/cm$^3$;<br>— mhux iktar minn 4 % bil-volum jiddistilla sa 300 °C, kif determinat bil-metodu tal-ASTM D 86-67 (EN ISO 3405).<br>It-TDAE huwa estratt li jirriżulta mir-raffinar ta' lubrikanti minn residwi ta' distillazzjoni f'vakwu.<br>Il-kostitwenti aromatiċi jiġu prodotti bħala prodotti sekondarji fir-raffinar tal-istokks ta' bażi taż-żejt ta' lubrikazzjoni u xama'.<br>Il-prodott huwa użat bħala plastifikant għall-komposti ta' lasktu mhux vulkanizzati li jikkostitwixxu materja prima fil-manifattura tat-tajers u prodotti oħra tal-lasktu vulkanizzati. | 2707 99 99 | Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u bil-kliem tal-kodiċi NM 2707, 2707 99 u 2707 99 99.<br>Peress li l-prodott ma jkunx direttament miksub permezz tad-distillazzjoni jew raffinar ta' żjut tal-petroljum mhux raffinati jew ta' żjut mhux raffinati miksuba minn materjali bituminużi u l-piż tal-kostitwenti aromatiċi fil-prodott jaqbeż dak tal-kostitwenti mhux aromatiċi, il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 2710 bħala żjut tal-petroljum u żjut miksubin minn minerali bituminużi, ħlief dawk mhux raffinati; preparazzjonijiet li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra li fihom 70 % jew aktar tal-piż ta' żjut tal-petroljum u żjut miksubin minn minerali bituminużi jew żjut għar-rimi hija eskluża (ara Nota 2 għal Kapitolu 27).<br>Peress li l-prodott ma nkisibx direttament minn petroljum, żjut tal-petroljum jew miż-żjut ta' minerali bituminużi u l-kontenut ta' kostitwenti aromatiċi fil-prodott huwa anqas minn 80 %, il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 2713 bħala kokk tal-petroljum, bitum tal-petroljum u residwi oħrajn minnhom hija eskluża (ara wkoll in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda (CNEN) għas-subintestaturi 2713 90 10 u 2713 90 90).<br>Il-prodott huwa estratt aromatiku miksub permezz tar-raffinar ta' lubrikanti minn residwi ta' distillazzjoni f'vakwu. Minħabba l-kontenut tiegħu ta' kostitwenti aromatiċi, huwa jappartjeni għall-kategorija ta' żjut jew prodotti simili li fihom il-piż tal-kostitwenti aromatiċi jaqbeż dak tal-kostitwenti mhux aromatiċi (ara wkoll is-CNEN għas-subintestaturi 2707 99 91 u 2707 99 99, punt 2).<br>Għaldaqstant dan għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 2707 99 99. |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1232/2013**

**tat-28 ta' Novembru 2013**

**dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella li tinsab fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikata fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.

(4) Ikun xieraq li jiġi stipulat li l-informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-merkanzija kkonċernata minn dan ir-Regolament li ma tkunx tikkonforma ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur f'konformità mal-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 ([2]). Dak il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

*Artikolu 2*

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx tikkonforma ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12 (6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

([2]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (Kodiċi tan-NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Xarba mhux alkoħolika lesta għall-konsum immedjat li tikkonsisti minn (% skont il-piż):<br>Polpa tal-ħawħ 31<br>Konċentrat tal-meraq taz-zunnerija 28<br>Konċentrat tal-meraq tat-tuffieħ 12<br>Puree tal-lanġas 7<br>Konċentrat tal-meraq tal-pineapple 7<br>Konċentrat tal-meraq tal-għeneb 4<br>Konċentrat tal-meraq tal-lanġas 3<br><br>u polpa tal-larinġ, konċentrat tal-puree taċ-ċirasa aċerola, fibra tat-tuffieħ u konċentrat tal-meraq tal-lumi.<br><br>L-ingredjenti ta' dan il-prodott ikunu ppastorizzati u mimlija f'kontenituri żgħar (100 ml) għal bejgħ bl-imnut. | 2202 90 10 | Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, in-Nota 3 tal-Kapitolu 22 kif ukoll bil-kliem tal-kodiċijiet NM 2202, 2202 90 u 2202 90 10.<br><br>Peress li l-prodott jinkiseb minn taħlita ta' diversi konċentrati tal-meraq tal-frott u konċentrat ta' meraq ta' ħxejjex biż-żieda ta' purees tal-frott, il-prodott tilef il-karattru oriġinali ta' meraq tal-frott tal-intestatura 2009 (ara wkoll in-noti ta' Spjegazzjoni dwar is-Sistema Armonizzata dwar l-intestatura 2009).<br><br>Il-prodott huwa ppreżentat bħala xorb mhux alkoħoliku li jikkonsisti minn konċentrati tal-meraq tal-frott, konċentrat tal-meraq ta' ħxejjex u purees tal-frott.<br><br>Għaldaqstant il-prodott għandu jiġi klassifikat taħt il-Kodiċi NM 2202 90 10. |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1233/2013**

**tad-29 ta' Novembru 2013**

**li jistabbilixxi deroga mir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 dwar id-distanza minima mill-kosta u l-fond minimu tal-baħar għas-sajd mit-tartaruni għall-makku u l-makku ferreri (*Aphia minuta u Pseudaphia ferreri*) u għall-arżnell (*Spicara smaris*) f'ċerti ilmijiet territorjali ta' Spanja (il-Gżejjer Baleariċi)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 tal-21 ta' Diċembru 2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(5) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 jipprojbixxi l-użu ta' rkaptu rmunkat fl-inħawi ta' 3 mili nawtiċi tal-kosta jew fl-isobath ta' 50 metru fejn jintlaħaq dak il-fond f'distanza iqsar mill-kosta.

(2) Fuq talba ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tippermetti deroga mill-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, sakemm jiġu ssodisfati għadd ta' kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13(5) u (9).

(3) Fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Kummissjoni rċeviet talba għal deroga minn Spanja għall-Artikolu 13(1) ta' dak ir-Regolament, biex jintużaw tartaruni għas-sajd għall-makku u l-makku ferreri (*Aphia minuta u Pseudaphia ferreri*) u għall-arżnell (*Spicara smaris*), fi ħdan fl-ibħra territorjali tagħha fil-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Baleariċi.

(4) It-talba tkopri l-bastimenti rreġistrati f'ċensiment marittimu ġestit mid-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent Rurali u l-Baħar tal-Gżejjer Baleariċi li għandhom esperjenza vasta ta' aktar minn ħames snin fis-sajd u jaħdmu skont pjan ta' ġestjoni li jirregola s-sajd mit-tartaruni għall-makku u l-makku ferreri (*Aphia minuta u Pseudaphia ferreri*) u għall-arżnell (*Spicara smaris*).

(5) Il-pjan ta' ġestjoni ma jiggarantixxi l-ebda żieda fil-futur fl-isforz tas-sajd, u jipprevedi li meta wieħed mis-60 bastiment iwaqqaf l-attività, fiċ-Ċensiment ikun jista' jiġi sostitwit biss minn bastiment li għandu l-istess kapaċità jew kapaċità inqas f'termini ta' tunnellaġġ u qawwa.

(6) Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ivvaluta d-deroga mitluba minn Spanja u l-abbozz relatat għall-pjan ta' ġestjoni fis-sessjoni plenarja li saret mill-5 sad-9 ta' Novembru 2012.

(7) Spanja adottat il-pjan ta' ġestjoni permezz ta' Digriet 44/2013 tal-4 ta' Ottubru li jistabbilixxi Pjan ta' Ġestjoni għal ħafna gżejjer għas-sajd tradizzjonali mit-tartaruni fl-ibħra tal-Gżejjer Baleariċi ([2]) skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(8) Id-deroga mitluba minn Spanja hija konformi mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(5) u (9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

(9) B'mod partikolari, l-inħawi tas-sajd huma limitati minħabba d-daqs limitat tal-blata kontinentali u d-distribuzzjoni spazjali tal-ispeċi fil-mira, li hija limitata esklussivament għal ċerti żoni fiż-żoni kostali għal fond li jkun anqas minn 50 metru.

(10) Barra minn hekk, is-sajd ma jistax isir b'irkapti oħrajn, ma għandu l-ebda impatt sinifikanti fuq ħabitati protetti u huwa selettiv ħafna, peress li t-tartaruni jiġu rmonkati fil-kolonna tal-ilma u ma jmissux qiegħ il-baħar. Tabilħaqq il-ġbir tal-materjal minn qiegħ il-baħar jagħmel ħsara lill-ispeċi fil-mira u jwassal biex l-għażla tal-ispeċi mistada tkun virtwalment impossibbli minħabba d-daqs żgħir ħafna tagħha.

(11) Id-deroga mitluba minn Spanja taffettwa għadd limitat ta' bastimenti, peress illi huma involuti biss 60 bastiment.

(12) L-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 dwar il-ħabitati protetti peress li l-pjan ta' ġestjoni Spanjol relatat jipprojbixxi espliċitament is-sajd fuq dawk il-ħabitati.

([1]) ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11.

([2]) Decreto 44/2013, de 4 de octubre, por el que establece el Plan de Gestión Pluriinsular para la Pesca con Artes de Tiro Tradicionales en Aguas de las Illes Balears. Butlletí Oficial de les Illes Balears Nº 137, 5.10.2013, pg. 47345.

(13) Ir-rekwiżiti tal-Artikolu 8(1)(h) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 mhumiex applikabbli minħabba li dawn huma relatati ma' bastimenti tat-tkarkir.

(14) Peress li l-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati huma selettivi ħafna, għandhom effett negliġibbli fuq l-ambjent u mhumiex affettwati mid-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006, dawn huma eleġibbli għad-deroga għad-daqs minimu tal-malji tax-xibka msemmi fl-Artikolu 9(7) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006. Għaldaqstant, ma japplikawx ir-regoli dwar id-daqs minimu tal-malji tax-xibka stipulati fl-Artikolu 9(3).

(15) Il-pjan ta' ġestjoni Spanjol jinkludi miżuri għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd, u għaldaqstant jissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(9) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 u fl-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([1]).

(16) L-attivitajiet tas-sajd ikkonċernati jitwettqu f'distanza qasira ħafna mill-kosta u għaldaqstant ma jostakolawx l-attivitajiet ta' bastimenti oħra.

(17) Il-pjan ta' ġestjoni Spanjol jiżgura li l-qbid tal-ispeċi msemmija fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 huwa minimu u li l-attivitajiet tas-sajd ma jkollhomx fil-mira ċ-ċefalopodi.

(18) Għalhekk, id-deroga mitluba għandha tingħata.

(19) Spanja għandha tirrapporta lill-Kummissjoni fi żmien xieraq u skont il-pjan ta' monitoraġġ stipulat fil-pjan ta' ġestjoni Spanjol.

(20) F'konformità mat-talba ta' Spanja, limitazzjoni fit-tul ta' żmien tad-deroga se tippermetti li jittieħdu miżuri ta' ġestjoni korrettivi fil-pront f'każ li r-rapport lill-Kummissjoni juri stat ħażin ta' konservazzjoni tal-istokk sfruttat filwaqt li tipprovdi kamp ta' applikazzjoni biex tittejjeb il-bażi xjentifika għal pjan ta' ġestjoni mtejjeb.

(21) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Deroga**

L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006 ma għandux japplika fl-ilmijiet territorjali ta' Spanja maġenb il-kosta tal-Komunità Awtonoma tal-Gżejjer Baleariċi, għas-sajd għall-makku u l-makku ferreri (*Aphia minuta u Pseudaphia ferreri*) u għall-arżnell (*Spicara smaris*) mit-tartaruni li qed jintużaw minn bastimenti:

(a) irreġistrati f'ċensiment marittimu ġestit mid-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent Rurali u l-Baħar tal-Gżejjer Baleariċi;

(b) li għandhom esperjenza vasta ta' aktar minn ħames snin fis-sajd u li ma jinvolvu l-ebda żieda fil-futur fl-isforz tas-sajd ipprovdut; kif ukoll

(c) li jkollhom awtorizzazzjoni għas-sajd u li joperaw skont pjan ta' ġestjoni adottat minn Spanja skont l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1967/2006.

Din id-deroga għandha tapplika għal perjodu ta' tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Pjan u rapport ta' monitoraġġ**

Spanja għandha tikkomunika lill-Kummissjoni, fi żmien tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, rapport imfassal skont il-pjan ta' monitoraġġ stabbilit fil-pjan ta' ġestjoni msemmi fl-Artikolu 1(c).

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1234/2013

## tat-2 ta' Diċembru 2013

## li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1020/2012 li jadotta l-pjan li jalloka riżorsi lill-Istati Membri li għandhom jitħallsu mis-sena baġitarja 2013 għall-provvista tal-ikel mill-ħażniet tal-intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni Ewropea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-punti (f) u (g) tal-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 121/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) stabbilixxa għall-2012 u l-2013 skema għad-distribuzzjoni tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni, li tapplika sakemm jintemm il-pjan annwali tal-2013.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1020/2012 ([3]) adotta l-pjan għall-provvista tal-ikel għall-persuni l-aktar fil-bżonn u alloka r-riżorsi finanzjarji adegwati għas-sena baġitarja 2013. Skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 807/2010 ([4]), il-perjodu ta' implimentazzjoni ta' pjan annwali għandu jibda mill-1 ta' Ottubru u jispiċċa fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' wara. Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel għall-Fond għall-Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar Fil-Bżonn meta dan jiġi stabbilit fl-2014, notevolment f'dak li jirrigwarda l-għoti ta' appoġġ, u skont it-talbiet li l-Kummissjoni rċeviet minn Spanja, mil-Polonja u mis-Slovenja, jixraq li jkun hemm estensjoni tal-perjodu ta' implimentazzjoni tal-pjan annwali tal-2013 għad-distribuzzjoni tal-ikel għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn. Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali, l-estensjoni għandha tkun applikabbli għall-Istati Membri kollha.

(3) B'riżultat tal-proċeduri ġudizzjarji varati kontra l-proċeduri tal-offerti, il-Greċja ffaċċjat dewmien fl-iffirmar tal-kuntratti ta' akkwist pubbliku u għaldaqstant talbet estensjoni tad-data tal-iskadenza biex tissottometti t-talbiet għall-pagamenti msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1020/2012. Fid-dawl ta' din it-talba u tas-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli li bħalissa qed tħabbat wiċċha magħha l-Greċja, huwa xieraq li tingħata din l-estensjoni. Sabiex jiġi żgurat trattament ugwali, id-deroga għandha tapplika għall-Istati Membri kollha. Billi d-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni tat-talbiet għall-pagamenti kienet it-30 ta' Settembru, din id-deroga għandha tapplika b'mod retrospettiv.

(4) Għal skopijiet ta' kontabbiltà, il-pagamenti akkonti bil-quddiem mħallsa mill-Aġenziji tal-Pagamenti lill-benefiċjarji kif ukoll l-approvazzjonijiet tal-pagamenti akkonti bil-quddiem fil-livell tal-benefiċjarju jridu jiġi rreġistrat fil-kontijiet annwali tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, jixraq li l-Istati Membri jiffissaw id-data sa meta l-benefiċjarji ta' dawk il-pagamenti għandhom jissottomettu d-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż u ċertu informazzjoni oħra relatata mal-pagamenti akkonti bil-quddiem. Barra minn hekk, huwa xieraq li d-data tal-iskadenza sa meta l-Istati Membri għandhom jibagħtu d-dejta lill-Kummissjoni tiġi stabbilita bħala l-1 ta' Frar 2014, li tikkorrispondi mad-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni tal-informazzjoni dwar il-kontabbiltà msemmija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006 ([5]).

(5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni(UE) Nru 1020/2012 għandu jiġi emendat skont dan.

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 121/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2012 li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' prodotti tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni (ĠU L 44, 16.2.2012, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1020/2012 tas-6 ta' Novembru 2012 li jadotta l-pjan li jalloka riżorsi lill-Istati Membri li għandhom jitħallsu mis-sena baġitarja 2013 għall-provvista tal-ikel mill-ħażniet tal-intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni Ewropea u li jidderoga minn ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 807/2010 (ĠU L 307, 7.11.2012, p. 62).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 807/2010 tal-14 ta' Settembru 2010 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-forniment ta' ikel mill-ħażniet ta' intervent għall-benefiċċju tal-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni (ĠU L 242, 15.9.2010, p. 9).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar l-akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-ħlas u ta' korpijiet oħrajn u l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG u tal-FAEŻR (ĠU L 171, 23.6.2006, p. 90).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1020/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) għandu jiddaħħal l-Artikolu 1a li ġej:

"*Artikolu 1a*

B'deroga mill-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010, il-perjodu ta' implimentazzjoni għall-pjan ta' distribuzzjoni annwali tal-2013 għandu jintemm fit-28 ta' Frar 2014.";

(2) fl-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"B'deroga mill-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 807/2010, għall-pjan ta' distribuzzjoni tal-2013, it-talbiet għall-pagamenti għandhom jitressqu lill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru sal-15 ta' Ottubru 2013.";

(3) l-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) ikunu ħadu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-implimentazzjoni titlesta sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar 2014.";

(b) għandu jiddaħħal il-paragrafu 5a li ġej:

"5a. L-operaturi magħżula skont l-Artikolu 4(4) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 807/2010 u l-organizzazzjonijiet nominati msemmija fl-Artikolu 27(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li jkun ta l-pagament bil-quddiem:

(a) dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż li jiġġustifikaw, skont l-entrata ta' kull spiża, kif intużaw il-pagamenti akkonti bil-quddiem sal-15 ta' Ottubru 2013; kif ukoll

(b) konferma, skont l-entrata ta' kull spiża, tal-bilanċ tal-pagamenti akkonti bil-quddiem li ma ntużawx u li jkunu għadhom hemm fil-15 ta' Ottubru 2013.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu d-data tat-trażmissjoni tal-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu sabiex din tkun tista' tiġi inkluża fin-notifika msemmija fil-paragrafu 6.";

(c) il-paragrafu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"6. Mhux aktar tard mill-1 ta' Frar 2014, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006 (*), dwar l-ammont totali tal-pagamenti bil-quddiem li jkunu saru sal-15 ta' Ottubru 2013 skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, li ma jkunux ġew approvati u li jkunu marbuta ma' ħidmiet li għadhom ma tlestewx.

---

(*) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 885/2006 tal-21 ta' Ġunju 2006 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar l-akkreditazzjoni tal-aġenziji tal-ħlas u ta' korpijiet oħrajn u l-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG u tal-FAEŻR (ĠU L 171, 23.6.2006, p. 90)"

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt 2 tal-Artikolu 1 għandu japplika mit-30 ta' Settembru 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1235/2013

## tat-2 ta' Diċembru 2013

## li jemenda l-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, għal dak li jirrigwarda s-sustanza diklażuril

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 14 flimkien mal-Artikolu 17 tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-opinjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini fformulata mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju,

Billi:

(1) Il-limitu massimu ta' residwi (MRL-maximum residue limit) għas-sustanzi farmakoloġikament attivi maħsuba għall-użu fl-Unjoni fil-prodotti mediċinali veterinarji għall-annimali li jipproduċu l-ikel, jew fil-prodotti bijoċidali użati fit-trobbija tal-annimali, huwa stabbilit skont ir-Regolament (KE) Nru 470/2009.

(2) Is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klassifikazzjoni tagħhom fir-rigward tal-MRLs fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali huma stabbiliti fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 [2].

(3) Bħalissa d-diklażuril huwa inkluż fit-Tabella 1 tal-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 bħala sustanza approvata, għall-ispeċijiet tar-ruminanti u l-porċini kollha, għall-uzu orali biss, u għall-pollam, applikabbli għall-muskoli, il-ġilda u x-xaħam, il-fwied u l-kliewi, ħlief l-annimali li minnhom jiġi prodott bajd għall-konsum mill-bniedem.

(4) Tressqet applikazzjoni lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini għall-estensjoni tal-annotazzjoni eżistenti għad-diklażuril biex tinkludi l-fniek.

(5) Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju rrakkomanda t-twaqqif ta' MRL għad-diklorażil għall-fniek, applikabbli għall-muskoli, għax-xaħam, għall-fwied u għall-kliewi.

(6) Ir-Regolament (UE) Nru 37/2010 għaldaqstant għandu jiġi emendat biex jinkludi l-MRL għad-diklażuril fir-rigward tal-fniek.

(7) Huwa xieraq li jingħata perjodu ta' żmien raġonevoli għall-partijiet interessati kkonċernati sabiex jieħdu l-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa għall-konformità mal-MRL il-ġdid stabbilit.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Mediċinali Veterinarji,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010 huwa emendat kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan għandu japplika mit-3 ta' Frar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

[1] ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11.

[2] ĠU L 15, 20.1.2010, p. 1.

*ANNESS*

Fit-Tabella 1 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 37/2010, l-annotazzjoni għas-sustanza diklażuril tinbidel b'dan li ġej:

| Sustanza farmakoloġikament attiva | Markatur tar-residwi | Speċijiet tal-Annimali | MRL | Tessuti fil-Mira | Dispożizzjonijiet Ohrajn (*skont l-Artikolu 14(7) tar-Regolament (KE) Nru 470/2009*) | Klassifikazzjoni Terapewtika |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "Diklażuril | MHUX APPLI-KABBLI | Ir-ruminanti kollha, porċini | Mhux meħtieġ l-ebda MRL | MHUX APPLIKABBLI | Għall-użu orali biss. | L-EBDA ANNOTAZZ-JONI |
| | Diklażuril | Tjur | 500 μg/kg | Muskoli | Mhux għall-użu f'annimali li jipproduċu bajd għall-konsum mill-bniedem | Aġenti antipa-rassiti/Aġenti li jaġixxu kontra l-protożoj" |
| | | | 500 μg/kg | Ġilda u xaħam fi proporzjoni-jiet naturali | | |
| | | | 1 500 μg/kg | Fwied | | |
| | | | 1 000 μg/kg | Kliewi | | |
| | | Fniek | 150 μg/kg | Muskoli | | |
| | | | 300 μg/kg | Xaħam | | |
| | | | 2 500 μg/kg | Fwied | | |
| | | | 1 000 μg/kg | Kliewi | | |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1236/2013

## tat-2 ta' Diċembru 2013

## dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "mezzi fuq il-binarji – vaguni tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 321/2013

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2008/57/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-interoperabilità tas-sistema ferrovjarja fil-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 881/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji [2] jeħtieġ li l-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea (minn hawn 'il quddiem, "l-Aġenzija") tiżgura li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà (minn hawn 'il quddiem, it-"TSIs") jiġu addattati għall-progress tekniku, ix-xejriet tas-suq u għall-ħtiġijiet soċjali u li tipproponi lill-Kummissjoni l-emendi għat-TSIs li tikkunsidra meħtieġa.

(2) Permezz tad-Deċiżjoni C(2007)3371 tat-13 ta' Lulju 2007, il-Kummissjoni tat mandat ta' qafas lill-Aġenzija sabiex twettaq ċerti attivitajiet skont id-Direttiva tal-Kunsill 96/48/KE tat-23 ta' Lulju 1996 fuq l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea ta' veloċità għolja [3] u d-Direttiva 2001/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2001 fuq l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea [4]. Skont it-termini tal-mandat ta' qafas, l-Aġenzija ntalbet tirrevedi t-TSI fuq il-vaguni tal-merkanzija.

(3) Fil-25 ta' Marzu 2013, l-Aġenzija ħarġet rakkomandazzjoni dwar emendi għat-TSI fuq il-vaguni tal-merkanzija (ERA/REC/01-2013/INT).

(4) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2013 tat-13 ta' Marzu 2013 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà fir-rigward is-subsistema ta' 'mezzi fuq il-binarji - vaguni tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea [5].

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skont l-Artikolu 29(1) tad-Direttiva 2008/57/KE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 321/2013 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 8(4) huwa sostitwit b'dan li ġej:

   "4. Wara perjodu ta' tranżizzjoni ta' sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-konstitwenti tal-interoperabbiltà prodotta ġdida ta' 'sinjali minn wara', għandhom ikunu koperti permezz tad-Dikjarazzjoni tal-konformità tal-KE."

2. L-Anness huwa emendat skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

---

[1] ĠU L 191, 18.7.2008, p. 1.
[2] ĠU L 164, 30.4.2004, p. 1.
[3] ĠU L 235, 17.9.1996, p. 6.
[4] ĠU L 110, 20.4.2001, p. 1.
[5] ĠU L 104, 12.4.2013, p. 1.

*ANNESS*

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 321/2013 (WAG TSI) huwa emendat kif ġej:

(1) It-test tal-punt 1.2 "Ambitu ġeografiku" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ambitu ġeografiku ta' din it-TSI huwa n-netwerk tas-sistema ferrovjarja kollha, magħmula minn:

— is-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (TEN) kif deskritt fl-Anness I taqsima 1.1 "Netwerk" tad-Direttiva 2008/57/KE,

— is-sistema ferrovjarja b'veloċità qawwija trans-Ewropea (TEN) kif deskritt fl-Anness I taqsima 2.1 "Netwerk" tad-Direttiva 2008/57/KE,

— partijiet oħra tan-netwerk tas-sistema ferrovjarja kollha, wara l-estensjoni tal-ambitu kif deskritt fl-Anness I Taqsima 4 tad-Direttiva 2008/57/KE,

u bl-esklużjoni tal-każijiet imsemmija fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 2008/57/KE."

(2) Fil-punt 4.2.3.5.2 'Imġiba dinamika fil-moviment', ir-raba' paragrafu jinbidel minn dan li ġej:

"'Imġiba dinamika fil-moviment' titħalla tiġi vvalutata fil-livell ta' kostitwent tal-interoperabbiltà skont il-punt 6.1.2.1. F'dan il-każ test speċifiku jew simulazzjoni fuq il-livell tas-subsistema mhix meħtieġa."

(3) Fil-punt 4.2.3.6.1 "Disinn strutturali tal-qafas tal-bogie", it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-integrità tal-istruttura tal-qafas tal-bogie titħalla tiġi vvalutata fil-livell ta' kostitwent tal-interoperabbiltà skont il-punt 6.1.2.1. F'dan il-każ test speċifiku jew simulazzjoni fil-livell tas-subsistema mhix meħtieġa."

(4) Fil-punt 4.2.4.3.2.1 "Brejk tas-servizz":

(a) it-test tat-tieni paragrafu, it-tieni inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"— fuljett UIC 544-1:2013";

(b) It-test tat-tielet paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-kalkolu għandu jiġi vvalidat b'testijiet. Il-kalkolu tal-prestazzjoni tal-brejk skont l-UIC 544-1 għandu jkun vvalidat skont kif jisttabilixxi l-UIC 544-1:2013."

(5) Fil-punt 4.2.4.3.2.2 "Brejk tal-ipparkjar", it-tieni paragrafu, it-tielet inċiż, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"— Il-prestazzjoni minima tal-brejk tal-ipparkjar, mingħajr riħ, għandha tiġi determinata mill-kalkoli kif definit fil-Klawżola 6 tal-EN 14531-6:2009."

(6) Fil-punt 4.2.4.3.3 "Kapaċità termali", it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"It-tagħbija termali li l-unità kapaċi tiflaħ bla telf negattiv fil-prestazzjoni tal-brejk minħabba effetti termali jew mekkaniċi, għandha tiġi definita u espressa f'termini ta' veloċità, tagħbija tal-fus, gradjazzjoni u distanza tal-brejk.'

(7) Fil-punt 4.2.4.3.4 "Protezzjoni miż-żerżieq tar-roti (WSP)" it-test tar-raba' paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"It-tipi ta' unitajiet li ġejjin għandhom jiġu mmuntati b'WSP:

— tipi ta' unitajiet mgħammra b'kull tip ta' blokok tal-brejkijiet għajr il-blokok tal-brejkijiet kompożiti, li għalihom l-utilizzazzjoni medja massima tal-adeżjoni hija ta' aktar minn 0,12,

— tipi ta' unitajiet mgħammra b'diski tal-brejkijiet biss u/jew bi blokok ta' brejkijiet kompożiti, li għalihom l-utlizzazzjoni medja massima hija ta' aktar minn 0,11."

(8) It-test tal-punt 4.2.6.3: "Tagħmir mehmuż tagħmir għal sinjal minn wara" tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"Fil-każ tal-unitajiet kollha mfassla biex jirċievu sinjal minn wara, żewġ biċċiet ta' tagħmir fuq wara tal-unità għandhom jipprovdu l-istallazzjoni ta' żewġ fanali jew żewġ platti riflettivi kif jistipula l-Appendiċi E fl-istess għoli 'l fuq mir-rejl u mhux ogħla minn 2 000 mm. Id-dimensjonijiet u l-ispazju liberu ta' dan it-tagħmir mehmuż għandhom ikunu kif deskritt fil-kapitolu 1 tad-dokument tekniku tal-ERA, ERA/TD/2012-04/INT verżjoni 1.2 tat-18.1.2013 ippubblikat fil-websajt tal-ERA (http://www.era.europa.eu)."

(9) Fil-punt 4.3.3 Interfaċċja tas-subsistema "b'kmand, kontroll u sinjalazzjoni ta' maġenb il-binarji" it-tabella 7 "Interface b'kmand, kontroll u sinjalazzjon" hija sostitwit b'dan li ġej:

| "Referenza f'din it-TSI | Referenza Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/88/UE<br>Anness A, Tabella A2, indiċi 77 |
|---|---|
| 4.2.3.3 a) Il-karatteristiċi tal-mezzi fuq il-binarji kompatibbli mas-sistema tad-detezzjoni tat-trejnijiet ibbażata fuq ċirkwiti tal-linji | — distanzi tal-fusien (3.1.2.1, 3.1.2.4, 3.1.2.5 u 3.1.2.6),<br>— tagħbija fuq il-fusijiet tal-vettura (3.1.7.1),<br>— impedanza bejn ir-roti (3.1.9),<br>— użu ta' blokok tal-brejkijiet komposti (3.1.6). |
| 4.2.3.3 b) Il-karatteristiċi tal-mezzi fuq il-binarji kompatibbli mas-sistema tad-detezzjoni tat-trejnijiet ibbażata fuq kawnters tal-fusien | — distanzi tal-fusien (3.1.2.1, 3.1.2.2, 3.1.2.5 u 3.1.2.6),<br>— ġeometrija tar-roti (3.1.3.1 - 3.1.3.4),<br>— spazji bejn ir-roti liberu mill-kompenenti induttivi/tal-metall (3.1.3.5)<br>— materjal tar-roti (3.1.3.6). |
| 4.2.3.3 c) Il-karatteristiċi tal-mezzi fuq il-binarji kompatibbli mas-sistema tad-detezzjoni tat-trejnijiet ibbażata fuq tagħmir anellat (loop) | — massa tal-metall tal-vettura (3.1.7.2)." |

(10) Fil-punt 4.4 "Regoli tal-operat", it-tielet paragrafu, l-ewwel inċiż, huwa sostitwit b'dan li ġej:

"— deskrizzjoni tal-operat fil-modalità normali, inklużi l-karatteristiċi u l-limiti operattivi tal-unità (eż. il-gejġ tal-vettura, il-veloċità massima tad-disinn, it-tagħbijiet tal-fusien, il-prestazzjoni tal-brejkijiet, il-kompatibbiltà mas-sistemi tad-ditezzjoni tat-trejns, il-kundizzjonijiet ambjentali permessi)."

(11) Fil-punt 4.7 "Kundizzjonijiet tas-saħħa u s-sikurezza", l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Id-dispożizzjonijiet għas-saħħa u s-sikurezza tal-istaff talbu li l-operat u l-manutenzjoni tal-unitajiet huma koperti mir-rekwiżiti essenzjali 1.1.5, 1.3.1, 1.3.2, 2.5.1 u 2.6.1 stipulati fl-Anness III tad-Direttiva 2008/57/KE.".

(12) Fil-punt 4.8 "Parametri li għandhom jiġu rreġistrati fil-fajl tekniku" hija emendata kif ġej:

(a) It-titolu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4.8 Parametri li għandhom jiġu rreġistrati fil-fajl tekniku u r-reġistru Ewropew ta' tipi ta' vetturi awtorizzati";

(b) it-test tat-18-il inċiż huwa sostitwit b'dan li ġej:

"— Tagħbija termali komponenti tal-brejk espressa f'termini ta' veloċità, piż fuq il-fus, u distanza tal-brejk.";

(c) it-tieni paragrafu li ġej jiżdied fl-aħħar:

"Id-dejta dwar il-mezzi fuq il-binarji li għandhom ikunu rreġistrati fir- "Reġistru Ewropew ta' tipi ta' vetturi awtorizzati (ERATV)" hija stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/665/UE tal-4 ta' Ottubru 2011 dwar ir-reġistru Ewropew tat-tipi ta' vetturi ferrovjarji awtorizzati (*).

(*) ĠU L 264, 8.10.2011, p. 32."

(13) Fil-punt 6.1.2.1 "Tagħmir tad-dawran", l-ewwel paragrafu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Id-dimostrazzjoni tal-konformità għat-tagħmir tad-dawran hija stabbilita fil-kapitolu 2 tad-dokument tekniku tal-ERA, ERA/TD/2013/01/INT verżjoni 1.0 tal-11.2.2013 ippubblikat fil-websajt tal-ERA (http://www.era.europa.eu)."

(14) Fil-punt 6.1.2.3 "Rota" it-test fl-ittra (b), it-tieni paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandha tkun teżisti proċedura ta' verifika li tiżgura li fil-fażi tal-produzzjoni l-ebda diffetti ma jaffettwaw ħażin is-sikurezza minħabba kwalunkwe bidla fil-karatteristiċi mekkaniċi tar-roti. Is-saħħa tensili tal-materjal tar-rota, l-ebbusija tar-rimm, is-saħħa kontra l-frammentazzjoni (fil-każ tar-roti bil-brejk bil-ħajta), ir-reżistenza għall-impatti, il-karatteristiċi tal-materjal u l-indafa tal-materjal għandhom jiġu vverifikati. Il-proċedura tal-verifika għandha tispeċifika l-kampjonarju tal-baċċ użat għal kull karatteristika li għandha tiġi vverifikata."

(15) It-test tal-punt 6.1.2.4 "Fus" huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Flimkien mar-rekwiżit għall-assemblaġġ t'hawn fuq, id-dimostrazzjoni tal-konformità tal-karatteristiċi tar-reżistenza u l-għejja mekkanika tal-fus għandha tissejjes fuq il-Klawżoli 4, 5 u 6 tal-EN13103:2009 + A2:2012.

Il-kriterji tad-deċiżjoni għall-istress permissibbli hija speċifikata fil-Klawżola 7 tal-EN 13103:2009 + A2:2012. Proċedura ta' verifika għandha tkun teżisti biex tiżgura li fil-fażi tal-produzzjoni l-ebda difetti ma jafu jolqtu ħażin is-sikurezza minħabba kwalunkwe bidla fil-karatteristiċi mekkaniċi tal-fusien. Is-saħħa tensili tal-materjal fil-fus, ir-reżistenza għall-impatti, l-integrità tal-wiċċ, il-karatteristiċi tal-materjal u l-indafa tal-materjal għandhom jiġu verifikati. Il-proċedura tal-verifika għandha tispeċifika il-kampjonarju tal-baċċ użat għal kull karatteristika li għandha tiġi vverifikata."

(16) Fil-punt 6.2.2.3 "Imġiba dinamika fil-moviment", ir-raba' paragrafu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"Meta jkun meħtieġ test fuq il-linja meħud b'metodu ta' kejl normali, l-unità għandha tiġi vvalutata kontra l-valuri tal-limitu stipulati fit-taqsimiet 1.2 u 1.3 tad-dokument tekniku tal-ERA ERA/TD/2013/01/INT verżjoni 1.0 tal-11.2.2013 ippubblikat fuq il-websajt tal-ERA (http://www.era.europa.eu)".

(17) Fil-punt 6.2.2.5 "Mezzi fuq il-binarji għal bidla manwali ta' settijiet tar-roti", it-test tal-paragrafu "Bidla bejn gejġis tal-linji ta' bejn 1 435 mm u1 668 mm" tinbidel b'dan li ġej:

"Is-soluzzjonijiet tekniċi deskritti fil-figuri li ġejjin tal-fuljett tal-UIC 430-1:2012 huma meqjusa bħala konformi mar-rekwiżiti fil-punt 4.2.3.6.7:

— għall-unitajiet tal-fusien: Il-Figuri 9 u10 tal-Anness B.4, u l-Figura18 tal-Anness H tal-fuljett tal-UIC 430-1:2012,

— għall-unitajiet bogie: Il-Figure 18 tal-Anness H tal-fuljett tal-UIC 430-1:2012."

(18) Fil-punt 6.3 it-titolu għandu jaqra "Subsistema li fiha komponenti li jikkorrispondu għal kostitwenti tal-interoperabilità li ma jkollhomx dikjarazzjoni tal-KE" u l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Entità Notifikata hija permess toħroġ ċertifikat tal-KE għall-verifika ta' subsistema, anki jekk xi wieħed jew aktar mill-komponenti li jikkorresondu mal-kostitwenti tal-interoperabbiltà inkorportati fi ħdan is-subsistema mhumiex koperti mid-dikjarazzjoni rilevanti tal-konformità tal-KE skont dan it-TSI (ICs mhux ċertifikati), jekk il-kostitwent ikun ġie manifatturat qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan it-TSI u t-tip tal-kostitwemnt kien:

— użat f'subsistema diġà approvata, u

— imqiegħed fis-servizz f'talanqas Stat Membru wieħed qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan it-TSI."

(19) Fil-punt 6.5 "Kostitwenti li jkollhom dikjarazzjoni tal-konformità tal-KE", l-ittra (b) hija sostitwita b'dan li ġej:

"(b) iċ-ċertifikati tal-konformità tal-KE, iċ-ċertifikati tal-eżamijiet tat-tip KE u ċ-ċertifikati tal-eżamijiet tad-disinn KE tal-ICs li ġejjin għandhom jibqgħu validi skont dan it-TSI sal-iskadenza tagħhom:

— Sett tar-roti;

— Rota;

— Fus."

(20) Appendiċi B "Proċeduri speċifiċi għall-moviment dinamiku" huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Appendiċi B*

mhux użat."

(21) Appendiċi C "Kundizzjonijiet addizzjonali mhux obbligatorji" huwa emendat kif ġej:

(a) L-paragrafu tal-punt "1. Sistema ta' akkoppjaġġ manwali", huwa emendat kif ġej:

(i) il-ħams inċiż huwa sostitwit b'li ġej:

"— L-ispazju liberu għall-ganċ li jgħaqqad iż-żewġ vaguni għandu jkun skont il-kapitolu 2 tad-dokument tekniku tal-ERA, ERA/TD/2012-04/INT verżjoni 1.2 tat-18.1.2013 ippubblikat fil-websajt tal-Aġenzija (http://www.era.europa.eu)."

(ii) id-disa' inċiż huwa sostitwit b'li ġej:

"— L-ispazju għall-operat tax-xaft tat-tħarrik għandu jkun skont il-kapitolu 3 tad-dokument tekniku tal-ERA, ERA/TD/2012-04/INT verżjoni 1.2 tat-18 ta' Jannar 2013 ippubblikat fil-websajt tal-Aġenzija (http://www.era.europa.eu)."

(b) It-test fil-punt "2. Għatab u manki tal-idejn tal-UIC" tinbidel b'dan li ġej:

"L-unità għandha tiġi mgħammra b'għatab u manki tal-idejn skont il-kapitolu 4 tad-dokument tekniku tal-ERA, ERA/TD/2012-04/INT verżjoni 1.2 tat-18.1.2013 ippubblikat fil-websajt tal-ERA (http://www.era.europa.eu)."

(c) It-Tabella C.3 "Prestazzjoni minima tal-brejk għall-modi ta' bbrejkjar G u P" hija sostitwita bit-tabella segwenti:

| Mod ta' bbrejkjar | Tagħmir kmand | tip ta' unità | Status tat-tagħbija | Rekwiżit għal veloċità mexxejja ta' 100 km/h — Distanza massima tal-ibbrejkjar | Rekwiżit għal veloċità mexxejja ta' 100 km/h — Distanza minima tal-ibbrejkjar | Rekwiżit għal veloċità mexxejja ta' 120 km/h — Distanza massima tal-ibbrejkjar | Rekwiżit għal veloċità mexxejja ta' 120 km/h — Distanza minima tal-ibbrejkjar |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Mod tal-ibbrejkjar "P" | Bidla (9) | "S1" (2) | Vojt | $S_{max}$ = 700 m<br>$\lambda_{min}$ = 65 %<br>$a_{min}$ = 0,60 m/$s^2$ | $S_{min}$ = 390 m,<br>$\lambda_{max}$ = 125 %, (130 %) (*),<br>$a_{max}$ = 1,15 m/$s^2$ | $S_{max}$ = 700 m<br>$\lambda_{min}$ = 100 %<br>$a_{min}$ = 0,88 m/$s^2$ | $S_{min}$ = 580 m,<br>$\lambda_{max}$ = 125 %, (130 %) (*),<br>$a_{max}$ = 1,08 m/$s^2$ |
| | | | Intermedju | $S_{max}$ = 810 m<br>$\lambda_{min}$ = 55 %<br>$a_{min}$ = 0,51 m/$s^2$ | $S_{min}$ = 390 m,<br>$\lambda_{max}$ = 125 %,<br>$a_{max}$ = 1,15 m/$s^2$ | | |
| | | | Mgħobbi | $S_{max}$ = 700 m<br>$\lambda_{min}$ = 65 %<br>$a_{min}$ = 0,60 m/$s^2$ | $S_{min}$ = Max [(S = 480 m, $\lambda_{max}$ = 100 %, $a_{max}$ = 0,91 m/$s^2$), (S miksub b'forza ritardatorja medja ta' 16,5 kN kull fus)] (5) | | |
| | Relay ta' tagħbija varjabbli (10) | "SS", "S2" | Vojt | $S_{max}$ = 480 m<br>$\lambda_{min}$ = 100 % (1)<br>$a_{min}$ = 0,91 m/$s^2$ (1) | $S_{min}$ = 390 m,<br>$\lambda_{max}$ = 125 %, (130 %), (*)<br>$a_{max}$ = 1,15 m/$s^2$ | $S_{max}$ = 700 m<br>$\lambda_{min}$ = 100 %<br>$a_{min}$ = 0,88 m/$s^2$ | $S_{min}$ = 580 m,<br>$\lambda_{max}$ = 125 %, (130 %), (*)<br>$a_{max}$ = 1,08 m/$s^2$ |
| | | 'S2' (3) | Mgħobbi | $S_{max}$ = 700 m<br>$\lambda_{min}$ = 65 %<br>$a_{min}$ = 0,60 m/$s^2$ | $S_{min}$ = Max [(S = 480 m, $\lambda_{max}$ = 100 %, $a_{max}$ = 0,91 m/$s^2$), (S miksub b'forza ritardatorja medja ta' 16,5 kN kull fus)] (6) | | |
| | | 'SS' (4) | Mgħobbi (18t kull fus għall-blokok tal-brejkijiet) | | | $S_{max}$ (8) = Max [S = 700 m, $\lambda_{max}$ = 100 %, $a_{max}$ = 0,88 m/$s^2$), (S miksub b'forza ritardatorja medja ta' 16kN kull fus)] (7) | |
| Mod tal-ibbrejkjar "G" | | | | | There shall be no separate assessment of the braking performance of units in position G. A unit's braked weight in position G is the result of the braked weight in position P (see UIC 544-1:2013) | | |

(*) Biss għal tagħbija tal-ibbrejkjar b'żewġ stadji (kmand ta' bidla) u P10 (blokok tal-ħadid fondut b'10 % fosfru)- jew blokok tal-brejkijiet LL

(1) 'a' = (((Veloċità (km/h))/3,6)$^2$)/(2 × (S — ((Te) × (Veloċità (km/h)/3,6)))), b'Te = 2 sek. Kalkolu tad-distanza skont EN 14531-1:2005 taqsima 5.11

(2) Unità "S1" hija unità b'tagħmir vojt/mgħobbi. It-tagħbija massima għal kull fus hija ta' 22,5 t.

(3) Unità"S2" hija unità b'relay ta' tagħbija varjabbli. It-tagħbija massima għal kull fus hija ta' 22,5 t.

(4) Unità"SS" għandha tkun mgħammra b'relay ta' tagħbija varjabbli. It-tagħbija massima għal kull fus hija ta' 22,5 t.

([5]) Il-forza massima medja tar-ritardazzjoni permessa (għal veloċità mexxejja ta' 100 km/h) hija 18 × 0,91 = 16,5 kN/fus. Dan il-valur joħroġ mill-input tal-enerġija tal-ibbrejkjar massima permessa fuq rota ta' brejk bil-ganċ b'dijametru fil-medda ta' [920 mm; 1 000 mm] waqt l-ibbrejkjar (il-piż tal-brejk għandu jkun limitat sa 18 tunnellata/fus).
([6]) Il-forza massima medja tar-ritardazzjoni permessa (għal veloċità mexxejja ta' 100 km/h) hija 18 × 0,91 = 16,5 kN/fus. Dan il-valur joħroġ mill-input tal-enerġija tal-ibbrejkjar massima permessa fuq rota ta' brejk bil-ganċ b'dijametru fil-medda ta' [920 mm; 1 000 mm] waqt l-ibbrejkjar (il-piż tal-brejk għandu jkun limitat sa 18 tunnellata/fus). Normalment unità, b'V max = 100 km/h u li tkun immuntata b'relay varjabbli hija mfassla li tikseb λ = 100 % sa 14,5 t/fus.
([7]) Il-forza massima medja tar-ritardazzjoni permessa (għal veloċità mexxejja ta' 120 km/h) hija 18 × 0,88 = 16 kN/fus. Dan il-valur joħroġ mill-input tal-enerġija tal-ibbrejkjar massima permessa fuq rota ta' brejk bil-ganċ b'dijametru fil-medda ta' [920 mm; 1 000 mm] waqt l-ibbrejkjar (il-piż tal-brejk għandu jkun limitat sa 18 tunnellata/fus). Il-massa/fus hija limitata għal 20 t/fus u l-λ korrispondenti huwa ta' 90 %. Jekk ikun jeħtieġ li λ > 100 % b'massa/fus > 18 t allura jkun neċessarju li tqis xi tip ieħor ta' brejk.
([8]) λ m'għandhiex tisboq 125 %, b'qies ta' ibbrejkjar biss fuq roti (blokok tal-brejkijiet), il-forza massima medja tar-ritardazzjoni permessa ta' 16 kN/fus (għal veloċità mexxejja ta' 120 km/h).
([9]) Bidla skont l-EN 15624:2008 + A1:2010.
([10]) Relay varjabbli tat-tagħbija skont EN 15611:2008 + A1:2010 f'kumbinazzjoni ma' tagħmir sensibbli għal tagħbija varjabbli skont EN 15625:2008 + A1:2010.

(22) Appendiċi D "standards jew dokumenti normattivi riferiti f'din it-TSI" huwa emendat kif ġej:

(a) L-ewwel tabella — it-test "Kontenut ta' prEN 16235 inkluż fl-Appendiċi B ta' din it-TSI" taċ-ċellula fil-kolonna "Referenza għal standards mandatorji", is-17-il ringiela, huwa sostitwit b'dan li ġej.

"Id-dokument tekniku tal-ERA, ERA/TD/2013/01/INT verżjoni 1.0 ta' 11.2.2013 ippubblikat fil-websajt tal-Aġenzija (http://www.era.europa.eu)".

(b) L-ewwel tabella - it-test "Kontenut ta' prEN 16235 inkluż fl-Appendiċi B ta' din it-TSI" taċ-ċellula fil-kolonna "Referenza għal standards mandatorji", l-20 ringiela, huwa sostitwit b'dan li ġej.

"Id-dokument tekniku tal-ERA, ERA/TD/2013/01/INT verżjoni 1.0 ta' 11.2.2013 ippubblikat fil-websajt tal-Aġenzija (http://www.era.europa.eu).

(c) L-ewwel tabella — it-test "EN 13103:2009 + A1:2010" fiċ-ċellula fil-kolonna "Referenza għal standards mandatorji", it-28 ringiela, huwa sostitwit b'dan li ġej.

'EN13103:2009 + A2:2012'.

(d) L-ewwel tabella — it-test "UIC 430-1:2006" fiċ-ċellula fil-kolonna "Referenza għal standards mandatorji", it-32 ringiela, huwa sostitwit b'dan li ġej.

"Fuljett tal-UIC 430-1:2012".

(e) L-ewwel tabella — it-test "UIC 544-1:2012" fiċ-ċellula fil-kolonna "Referenza għal standards mandatorji", il-35 ringiela, huwa sostitwit b'dan li ġej.

"UIC 544-1:2013"

(f) L-ewwel tabella — it-test "Id-dokument tekniku tal-ERA, ERA/TD/2012-04/INT verżjoni 1.0 ta' 4.6.2012" fiċ-ċellula fil-kolonna "Referenza għal standards mandatorji", l-aħħar ringiela, huwa sostitwit b'dan li ġej.

"Id-dokument tekniku tal-ERA, ERA/TD/2012-04/INT verżjoni 1.2 tat-18.1.2013 ippubblikat fil-websajt tal-Aġenzija (http://www.era.europa.eu)".

(g) It-tieni tabella — it-test "Id-dokument tekniku tal-ERA, ERA/TD/2012-04/INT verżjoni 1.0 tal-4.6.2012" fiċ-ċellula fil-kolonna "Fuljett tal-UIC/Standard", ir-raba' ringiela, huwa sostitwit b'dan li ġej.

"Id-dokument tekniku tal-ERA, ERA/TD/2012-04/INT verżjoni 1.2 tat-18.1.2013 ippubblikat fil-websajt tal-Aġenzija (http://www.era.europa.eu)".

(h) It-tieni tabella — it-test "Id-dokument tekniku tal-ERA, ERA/TD/2012-04/INT verżjoni 1.0 tal-4.6.2012" fiċ-ċellula fil-kolonna "Fuljett tal-UIC/Standard", is-sitt ringiela, huwa sostitwit b'dan li ġej.

"Id-dokument tekniku tal-ERA, ERA/TD/2012-04/INT verżjoni 1.2 tat-18.1.2013 ippubblikat fil-websajt tal-Aġenzija (http://www.era.europa.eu)".

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1237/2013

## tat-2 ta' Diċembru 2013

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament dwar l-OKS unika) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Diċembru 2013.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Jerzy PLEWA
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 49,2 |
| | MA | 50,7 |
| | TR | 86,5 |
| | ZZ | 62,1 |
| 0707 00 05 | AL | 47,7 |
| | EG | 200,0 |
| | MA | 158,2 |
| | TR | 92,5 |
| | ZZ | 124,6 |
| 0709 91 00 | EG | 200,0 |
| | ZZ | 200,0 |
| 0709 93 10 | MA | 134,5 |
| | TR | 158,8 |
| | ZZ | 146,7 |
| 0805 20 10 | AU | 135,8 |
| | MA | 62,5 |
| | PE | 131,0 |
| | TR | 100,8 |
| | ZA | 150,1 |
| | ZZ | 116,0 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | IL | 59,5 |
| | PE | 74,3 |
| | SZ | 43,6 |
| | TR | 68,9 |
| | UY | 92,4 |
| | ZZ | 67,7 |
| 0805 50 10 | TR | 82,8 |
| | ZZ | 82,8 |
| 0808 10 80 | AU | 125,0 |
| | BA | 45,7 |
| | MK | 41,5 |
| | US | 152,0 |
| | ZA | 93,4 |
| | ZZ | 91,5 |
| 0808 30 90 | TR | 112,1 |
| | ZZ | 112,1 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Novembru 2013

## li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall

(2013/703/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Kunsill ta assistenza finanzjarja lill-Portugall, fuq talba ta' dan tal-aħħar, fis-17 ta' Mejju 2011, bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE ([2]). bħala appoġġ għal programm ekonomiku u finanzjarju b'saħħtu ("il-Programm") li għandu l-għan li jirrestawra l-kunfidenza, jippermetti li l-ekonomija terġa' tibda tikber b'mod sostenibbli, u jħares l-istabbiltà finanzjarja fil-Portugall, fiż-żona tal-euro u fl-UE.

(2) F'konformità mal-Artikolu 3(10) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE, il-Kummissjoni, flimkien mal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) u f'kooperazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), bejn is-16 ta' Settembru u t-3 ta' Ottubru 2013, wettqet it-tmien u d-disa' analiżijiet kombinati tal-progress tal-awtoritajiet Portugiżi fl-implimentazzjoni tal-miżuri mifthiema taħt il-Programm.

(3) It-tkabbir reali tal-prodott domestiku gross (PDG) kull trimestru reġa' kien qed juri valuri pożittivi fit-tieni kwart ta' din is-sena u indikaturi ta' terminu qasir juru wkoll tnaqqis b'mod progressiv tar-reċessjoni. Il-PGD reali huwa mistenni li jonqos bi 1,8 % din is-sena u li jikber bi 0,8 % u 1,5 % fl-2014 u fl-2015 rispettivament. It-tensjonijiet fis-suq tax-xogħol huma mistennija li jonqsu xi ftit. Madankollu, ir-rata tal-qgħad hija mistennija li tilħaq il-quċċata ta' 17,7 % is-sena d-dieħla qabel tibda tonqos progressivament. L-inċertezzi fir-rigward tal-perspettiva makroekonomika huma għoljin minħabba li s-sostenibbiltà tal-irkupru projettat fl-2014 u l-2015 hija kontinġenti fuq l-iżviluppi pożittivi tal-kummerċ u s-suq finanzjarju, li għadhom fraġli.

(4) Sa Awwissu 2013 id-defiċit fi flus tal-Gvern irreġistra żieda ta' 0,6 punti perċentwali tal-PDG (nett ta' fatturi straordinarji) meta mqabbel mal-istess perjodu tas-sena preċedenti. Il-prestazzjoni tad-dħul mit-taxxa solida u l-eżekuzzjoni stretta tal-maġġoranza tal-punti tan-nefqa qed jappoġġaw l-eżekuzzjoni baġitarja. Madankollu, ġew identifikati xi devjazzjonijiet fir-rigward tal-prospetti fiskali tas-seba' analiżi tal-prograss tal-awtoritajiet Portugiżi fuq l-implimentazzjoni tal-miżuri miftiehma taħt il-Programm ("is-seba" reviżjoni). Dawn id-devjazzjonijiet jinkludu nuqqasijiet relatati mal-ipprogrammar mill-ġdid tal-fondi tal-UE u l-posponiment tal-bejgħ ta' konċessjoni portwarja (ta' darba) u fatturi oħra bħalma huma l-kontribuzzjoni ogħla milli mistennija għall-baġit tal-Unjoni, il-prestazzjoni baxxa ta' xi dħul mhux mit-taxxi, it-trasferiment lill-Greċja ta' dividendi mill-bonds Griegi fil-portafoll ta' investiment tal-Banco de Portugal, il-kontribuzzjonijiet soċjali aktar baxxi milli previsti lill-iskema tal-pensjoni tal-impjegati pubbliċi u nfiq żejjed fl-ispiża tal-pagi u l-konsum intermedju. Wara l-użu tal-allokazzjonijiet baġitarji proviżorji (0,3 % tal-PDG), l-effett nett tad-devjazzjonijiet hu stmat li jżid id-defiċit tal-2013 bi 0,5 % tal-PDG. Barra minn hekk, injezzjoni ta' kapital fil-BANIF - Banco Internacional do Funchal, SA li tammonta għal 0,4 % tal-PDG żdied ukoll id-diskrepanza fil-baġit għalkemm din l-operazzjoni m'għandiex titqies għall-iskopijiet tal-Programm.

(5) Il-Gvern qed jieħu miżuri korrettivi sabiex jiġi żgurat li tintlaħaq l-mira tad-defiċit tal-programm ta' 5,5 % tal-PDG, partikolarment permezz tat-tnaqqis tal-fondi disponibbli għall-investiment u kontroll aktar strett fuq il-konsum intermedju tal-ministeri kompetenti (0,1 % tal-PGD). Barra minn hekk, il-Gvern ħabbar skema ta' darba għall-irkupru tad-dejn mill-kontribuzzjonijiet tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali, li hija mistennija li tirkupra d-dħul ta' madwar 0,4 % tal-PDG u hija akkumpanjata minn aktar sanzjonijiet għar-reati kriminali tat-taxxa.

([1]) ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1.

([2]) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE tas-17 ta' Mejju 2011 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall (ĠU L 159, 17.6.2011, p. 88).

(6) Il-projezzjonijiet fiskali aġġornati juru li l-isforz fiskali għall-2013, ikkalkulat permezz tat-titjib fil-bilanċ strutturali, se jkun ta' 0,5 % tal-PDG, kemxejn taħt iż-0,6 % tal-PDG previst fis-seba' Analiżi. Il-prestazzjoni baxxa projettata hija prinċipalment spjegata mid-dewmien fl-implimentazzjoni tal-pakkett ta' konsolidazzjoni ppjanata fil-bidu u s-sostituzzjoni parzjali tiegħu b'miżuri ta' darba biss filwaqt li pressjoni mhux mistennija kienet ta' piż fuq ir-riżervi tal-baġit. Id-dewmien fl-implimentazzjoni seħħ minħabba diversi limitazzjonijiet, inkluża l-kriżi politika f'Lulju u l-bidla sussegwenti fil-Gvern; l-isfida li ġġib magħha r-reazzjoni għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-29 ta' Awwissu li tqies li xi dispożizzjonijiet tal-abbozz tal-liġi għal sistema ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid mhumiex kostituzzjonali u d-diffikultajiet tekniċi fl-implimentazzjoni ta' ċerti miżuri, partikolarment il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mfassla mill-ġdid mill-benefiċċji tal-qgħad u tal-mard 'il fuq minn livell minimu, wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-5 ta' April.

(7) Il-Gvern afferma mill-ġdid l-impenn tiegħu li jilħaq il-mira ta' defiċit ta' 4 % tal-PDG fl-2014. F'dan ir-rigward, il-Gvern adotta miżuri ta' konsolidazzjoni li jammontaw għal madwar 2,3 % tal-PDG li jkopru wkoll parti mill-infiq żejjed fl-2013 li se jiġi trasferit fl-2014. Il-miżuri ta' konsolidazzjoni huma fil-parti l-kbira inklużi fl-abbozz tal-Liġi Baġitarja, filwaqt li xi miżuri huma implimentati permezz ta' leġiżlazzjoni speċifika. Il-miżuri huma primarjament ta' natura permanenti u jistrieħu fil-biċċa l-kbira fuq l-iffrankar fl-infiq. B'mod ġenerali, il-valur kumulattiv tal-pakkett ta' konsolidazzjoni meħtieġ biex jintlaħaq l-aġġustament fiskali mbassar ma nbidilx fir-rigward tas-seba' analiżi – għal madwar EUR 4,7 biljun ta' miżuri għall-iffrankar permanenti matul l-2013-2014, jew 2,8 % tal-PDG. Madankollu, parti tal-isforz għall-konsolidazzjoni issa huwa pospost għall-2014 minħabba l-imsemmi dewmien fl-implimentazzjoni fl-2013.

(8) Il-biċċa l-kbira tal-konsolidazzjoni fl-2014, madwar 1,8 % tal-PDG għandu jittieħed mill-analiżi tal-infiq pubbliku, li twettqet matul is-sena li għaddiet bl-għan li jiżdiedu l-ekwità u l-effiċjenza fil-provvista ta' trasferimenti soċjali u servizzi pubbliċi. Il-miżuri tal-analiżi tal-infiq pubbliku prinċipali se jkunu fuq tliet assi prinċipali: (1) limitazzjoni tan-nefqa minħabba l-ispejjeż tal-pagi tas-settur pubbliku, billi titnaqqas il-forza tax-xogħol tas-settur pubbliku filwaqt li l-kompożizzjoni tagħha ixxaqleb lejn impjegati b'ħiliet ogħla, l-allinjament tar-regoli dwar ix-xogħol tas-settur pubbliku ma' dawk tas-settur privat u billi l-politika ta' rimunerazzjoni ssir aktar trasparenti u msejsa fuq il-mertu; (2) riforma tal-pensjoni u (3) tnaqqis fin-nefqa settorjali fil-Ministeri kompetenti u l-programmi

(9) Biex jiġi kkumpensat it-trasferiment negattiv mill-eżekuzzjoni baġitarja tal-2013 u jinkisbu l-4 % tal-mira tad-defiċit tal-PDG, il-pakkett tal-analiżi tal-infiq pubbliku għandu jkun komplementat minn miżuri permanenti oħra li għandhom l-għan li jkomplu t-titjib tal-effiċjenza u l-ekwità tal-istruttura attwali tat-taxxa u l-benefiċċji (b'valur ta' 0,4 % tal-PDG). Barra minn hekk, għadd ta' miżuri ta' darba ta' valur ta' 0,2 % tal-PDG se jiġu implimentati, aktar milli jiġu bbilanċjati l-ispejjeż li jirriżultaw mill-pagamenti bil-quddiem ta' darba marbuti mal-introduzzjoni ta' skema ta' sensji bi ftehim reċiproku fis-settur pubbliku.

(10) Il-proporzjon bejn id-dejn u l-PDG huwa mistenni li jilħaq quċċata ta' 127,8 % fl-2013 u minn hemm 'il quddiem jonqos. Ir-reviżjoni 'l fuq fir-rigward tas-seba'analiżi hija spjegata permezz tal-korrezzjoni tad-dejta dwar id-dejn tal-2012, li issa hija kemxejn ogħla, u n-nuqqas tat-twettiq ta' xi operazzjonijiet li jnaqqsu d-dejn fuq perjodu ta' żmien qasir. B'mod partikolari, il-Fond ta' Stabbilizzazzjoni tas-Sigurtà Soċjali issa huwa mistenni li jżid il-pussessi tiegħu ta' bonds tal-Gvern Portugiż b'mod aktar gradwali u l-pagamenti tal-Gvern Ġenerali lil Parpublica ser ikunu ogħla milli previst preċedentment sakemm tidħol fis-seħħ l-ESA 2010 il-ġdida u jiġi definit l-istatus tal-kumpanija. Barra minn hekk, il-bilanċ tal-flus tat-Teżor fl-aħħar tas-sena huwa stmat li jkun ogħla milli kien mistenni qabel (b'madwar EUR 4 biljuni).

(11) Il-proċess ta' aġġustament baġitarju huwa appoġġjat minn sensiela ta' miżuri strutturali fiskali biex jitjieb il-kontroll fuq in-nefqa tal-Gvern u jitjieb il-ġbir tad-dħul. B'mod partikolari, riforma komprensiva qed iġġib il-qafas baġitarju, inkluż fil-livell tal-gvern ċentrali, reġjonali u lokali, konformi mal-aqwa prattiki fil-ġestjoni finanzjarja pubblika. Is-sistema ġdida ta' kontroll tal-impenji qed turi riżultati iżda l-implimentazzjoni trid tiġi mmonitorjata mill-qrib biex jiġi żgurat li l-impenji huma koperti minn finanzjament disponibbli. Ir-riformi fl-amministrazzjoni pubblika jkomplu bl-għan li jimmodernizzaw

u jirrazzjonalizzaw l-impjieg u l-entitajiet fis-settur pubbliku. Il-progress fl-aġenda tar-riforma tal-amministrazzjoni tad-dħul qed itejjeb il-monitoraġġ u t-tisħiħ tal-konformità tad-dħul. In-negozjar mill-ġdid ta' sħubiji pubbliċi-privati (PPPs) avvanza mhux ħażin u huwa mbassar iffrankar sinifikanti għall-2013 u wara. L-impriżi tal-Istat (SOEs) laħqu bilanċ operazzjonali fuq medja sa tmiem l-2012 u huma previsti riformi addizzjonali biex jiġi evitat deterjorament mill-ġdid tar-riżultati tagħhom. Ir-riformi fis-settur tal-kura tas-saħħa qed jipproduċu ffrankar sinifikanti u l-implimentazzjoni qed tkompli tkun b'mod ġenerali konformi mal-miri.

(12) Il-proporzjonijiet tal-kapital tal-banek żdiedu sostanzjalment matul is-sena li għaddiet u dan ippermettilhom li jilħqu l-bafers kapitali regolatorji tal-Awtorità Bankarja Ewropea kif ukoll il-mira tal-programm ta' 10 % tal-kapital ewlieni tal-grad 1. Dan il-bafer tal-kapital jibqa' xieraq fil-bord meta jintużaw ir-regoli l-ġodda tad-Direttiva dwar ir-Rekwiziti ta' Kapital IV (Capital Requirements Directive - CRD) għall-evalwazzjoni tal-fondi proprji tal-banek. Dawn ir-regoli ġodda tal-kapital se japplikaw minn Jannar 2014 'il quddiem. Il-Banco de Portugal bħalissa qed jiżviluppa approċċ ta' tranżizzjoni biex jintroduċi s-CRD IV. Il-mira indikattiva ta' self għal depożitu ta' 120 % sal-2014 x'aktarx se tintlaħaq u xi banek diġà qiegħdin taħt dan il-limitu. L-isforzi biex jiġu ddiversifikati s-sorsi ta' finanzjament għas-settur korporattiv qegħdin jissaħħu. Filwaqt li jibnu fuq l-awditu estern riċenti tal-linji ta' kreditu eżistenti sponsorjati mill-Gvern u fuq sett ta' rakkomandazzjonijiet ta' politika, l-awtoritajiet ippreżentaw pjan b'miżuri mmirati lejn it-titjib fil-prestazzjoni u l-governanza ta' dawk l-istrumenti. Is-sett ta' għodod għall-ġestjoni tal-kriżi qed jiġi ffinalizzat. Il-fond ta' riżoluzzjoni bankarja qed jaħdem, setgħat ta' intervent bikrija ġew introdotti u l-liġi dwar ir-rikapitalizzazzjoni qed tiġi emendata sabiex tirrifletti l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Awwissu 2013, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-istat għal miżuri ta' appoġġ favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja ([1]).

(13) Sar aktar progress fl-implimentazzjoni tar-riformi strutturali għat-tisħiħ tat-tkabbir u l-kompetittività. Tnaqqis ġdid tal-ħlasijiet għat-tmiem tal-impjieg daħal fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru u 2013 ġew stabbiliti żewġ fondi ta' kumpens bl-iskop ta' finanzjament parzjali tal-ħlasijiet għat-tmiem tal-impjieg. Ittieħdu passi addizzjonali biex jissaħħu l-politiki attivi fis-suq tax-xogħol. Ġew adottati miżuri addizzjonali fil-qasam tal-edukazzjoni, fejn il-progress huwa sodisfaċenti b'mod ġenerali.

(14) L-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), li timmira biex tnaqqas l-ostakli għad-dħul u tagħti spinta lill-kompetizzjoni u l-attività ekonomika billi jiġi ffaċilitat l-aċċess għal parteċipanti ġodda fis-suq fir-reġimi ekonomiċi differenti, għaddejja b'ritmu tajjeb u t-traspożizzjoni tagħha daqt titlesta. Il-liġi qafas għat-titjib tal-funzjonament tal-professjonijiet regolati li jinvolvu korp professjonali ġiet adottata u r-reviżjoni tal-istatuti tat-tmintax-il professjoni kkonċernati hija l-pass li jmiss biex titlesta din ir-riforma. Il-liġi qafas sabiex jiġu stabbiliti l-prinċipji ewlenin tal-funzjonament tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali l-aktar importanti, inklużi billi jingħataw indipendenza u awtonomija b'saħħithom diġà daħħlet fis-seħħ u l-liġijiet amministrattivi tar-regolaturi settorjali varji għandhom jiġu adottati dalwaqt. L-implimentazzjoni tal-miżuri għat-tnaqqis tad-dejn tariffarju tal-elettriku ġiet ittardjata, għalkemm il-Gvern dan l-aħħar ippreżenta dazju ġdid li parzjalment tittratta din il-kwistjoni. Xi dispożizzjonijiet legali li għandhom il-mira li jissimplifikaw il-proċeduri għall-liċenzji u piżijiet amministrattivi oħra ġew adottati bħal pereżempju l-proposta tal-liġi bażi l-ġdida tal-ħamrija, l-ippjanar tal-ispazju u l-urbaniżmu.

(15) Aktar progress għadu meħtieġ biex is-settur tat-trasport isir aktar sostenibbli u miftuħ għall-kompetizzjoni. Kien hemm xi titjib fil-pożizzjoni finanzjarja tal-maniġer tal-infrastruttura tal-ferrovija, iżda jeħtieġ sforz sinifikanti addizzjonali biex tilħaq bilanċ operazzjonali sal-2015. Ir-riformi fil-portijiet jeħtieġ li jkunu intensifikati.

(16) Ġew adottati xi miżuri addizzjonali biex jittejbu l-kundizzjonijiet tal-likwidità tas-settur tan-negozju, partikolarment l-Impriżi Żgħar u ta' daqs Medju (SMEs).

(17) Ir-riformi tas-sistema ġudizzjarja huma qrib it-tlestija tagħhom. Sar aktar progress fit-tnaqqis ta' kawżi pendenti u riformi importanti bħar-riorganizzazzjoni ġeografika tad-distretti tal-qrati u r-riforma tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili tlestew jew se jitlestew fil-futur qrib. Titjib kontinwu tal-funzjonament tas-sistema ġudizzjarja, li hija essenzjali għat-tħaddim xieraq u ġust tal-ekonomija, permezz ta': (i) l-iżgurar tal-infurzar effettiv u fil-ħin tal-kuntratti u tar-regoli tal-kompetizzjoni; (ii) iż-żieda tal-effiċjenza permezz tar-ristrutturar tas-sistemi tal-qrati, u l-adozzjoni ta' mudelli ta' ġestjoni ġodda tal-qrati; (iii) it-tnaqqis ulterjuri tad-dewmien tas-sistema tal-kawżi fil-qrati (inklużi l-kawżi tal-qrati tat-taxxa) huwa madankollu meħtieġ,

(18) Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE għandha tiġi emendata,

(1) ĠU C 216, 30.7.2013, p. 1.
(2) Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE, il-paragrafi 7 sa 9 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"7. Il-Portugall għandu jadotta l-miżuri li ġejjin matul l-2013, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet fil-Memorandum ta' Qbil:

(a) Id-defiċit ġenerali tal-Gvern ma għandux jaqbeż il-5,5 % tal-PDG fl-2013. Għall-kalkolu ta' dan id-defiċit, ma għandhomx jiġu kkunsidrati l-ispejjeż baġitarji possibbli tal-miżuri ta' appoġġ tal-banek fil-kuntest tal-istrateġija tas-settur finanzjarju tal-Gvern. Il-miżuri ta' konsolidazzjoni inklużi fil-baġit tal-2013 u l-baġit supplimentari għandhom jiġu implimentati bir-reqqa matul il-bqija tas-sena. Barra minn hekk, jekk jinqala' aktar telf fl-eżekuzzjoni baġitarja, il-Gvern għandu jimplimenta miżuri korrettivi addizzjonali;

(b) Il-Portugall għandu jkompli jimplimenta l-programm ta' privatizzazzjoni tiegħu;

(c) Il-Portugall għandu jlesti l-implimentazzjoni tal-istrateġija tas-servizzi kondiviżi fl-amministrazzjoni pubblika;

(d) Il-Portugall għandu jkompli r-riorganizzazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tan-netwerk tal-isptarijiet permezz tal-ispeċjalizzazzjoni, il-konċentrazzjoni u t-tnaqqis ta' servizzi tal-isptar, il-ġestjoni konġunta u t-tħaddim konġunt tal-isptarijiet. Il-Portugall għandu jiżgura l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni fuq għadd ta' snin għar-riorganizzazzjoni tal-isptarijiet;

(e) Wara l-adozzjoni tal-emendi għal-Liġi Nru 6/2006 dwar kirjiet urbani ġodda u d-digriet leġiżlattiv li jissimplifika l-proċedura amministrattiva għar-rinnovazzjoni, il-Portugall għandu jwettaq analiżi komprensiva tal-funzjonament tas-suq tad-djar;

(f) Il-Portugall għandu jiżviluppa sistema mifruxa mal-pajjiż kollu ta' reġistrazzjoni tal-artijiet li tippermetti distribuzzjoni aktar ekwa tal-benefiċċji u l-ispejjeż fl-eżekuzzjoni tal-ippjanar urban;

(g) Filwaqt li jirrispetta s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tas-26 ta' Settembru 2013, il-Portugall għandu joħloq u jimplimenta għażliet alternattivi ta' riforma tas-suq tax-xogħol b'effetti simili għal dawk li kienu ddikjarati mhux kostituzzjonali f'dik is-sentenza;

(h) Il-Portugall għandu jippromwovi żviluppi fil-pagi li jkunu konsistenti mal-għanijiet ta' trawwim tal-ħolqien tal-impjiegi u titjib fil-kompetittività tal-kumpaniji bil-għan li jiġu kkoreġuti l-iżbilanċi makroekonomiċi. Matul il-perjodu tal-Programm, kwalunkwe żieda fil-pagi minimi għandha ssir biss jekk din tkun ġustifikata mill-iżviluppi ekonomiċi u tas-suq tax-xogħol;

(i) Il-Portugall għandu jkompli jtejjeb l-effettività tal-politiki attivi tiegħu għas-suq tax-xogħol f'konformità mar-riżultati tar-rapport ta' valutazzjoni u tal-pjan ta' azzjoni biex jittejjeb il-funzjonament tas-servizzi tal-impjiegi pubbliċi;

(j) Il-Portugall għandu jkompli jimplimenta l-miżuri stabbiliti fil-pjanijiet ta' azzjoni tiegħu biex titjieb il-kwalità tal-edukazzjoni sekondarja u vokazzjonali u t-taħriġ, b'mod partikolari l-Gvern għandu jippreżenta pjanijiet biex il-qafas ta' finanzjament tal-iskejjel ikun aktar effettiv u l-iskejjel professjonali ta' referenza għandhom ikunu stabbiliti;

(k) Il-Portugall għandu jlesti l-adozzjoni tal-emendi settorjali pendenti meħtieġa sabiex jimplimenta bis-sħiħ id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*);

(l) Il-Gvern għandu jissottometti lill-Parlament Portugiż l-istatuti emendati tal-korpi professjonali;

(m) Il-Portugall għandu japprova l-emendi korrispondenti għal-liġijiet amministrattivi tal-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali;

(n) Il-Portugall għandu jippubblika rapporti kull tliet xhur dwar ir-rati ta' rkupru; it-tul ta' żmien u l-ispejjeż għall-kawżi korporattivi ta' insolvenza; it-tul ta' żmien u l-ispejjeż għall-kawżi dwar it-taxxa u dwar ir-rata tal-ikklirjar tal-kawżi tal-qorti tal-infurzar;

(o) Il-Portugall għandu jtejjeb l-ambjent kummerċjali billi jlesti r-riformi pendenti dwar it-tnaqqis tal-piż amministrattiv il-proġetti ta' Punt ta' Kuntatt Uniku previsti fid-Direttiva 2006/123/KE u ta' 'Bla Ħtieġa ta' Awtorizzazzjoni' operazzjonali b'mod sħiħ u billi jwettaq simplifikazzjoni ulterjuri ta' proċeduri, regolamenti u piżijiet amministrattivi oħra eżistenti ta' ħruġ ta' liċenzji fl-ekonomija li huma ostaklu kbir għall-iżvilupp ta' attivitajiet ekonomiċi;

(p) Il-Portugall għandu jlesti r-riforma tas-sistema ta' governanza tal-portijiet, inkluża r-reviżjoni totali tal-konċessjonijiet tal-operat portwali;

(q) Il-Portugall għandu jimplimenta l-miżuri li jtejbu l-funzjonament tas-setturi tal-posta u tat-telekomunikazzjoni;

(r) Il-Portugall għandu jimplimenta l-miżuri li jtejbu l-funzjonament tas-sistema tat-trasport;

(s) Il-Portugall għandu jimplimenta l-miżuri li jeliminaw id-dejn tariffarju tal-enerġija;

(t) Il-Portugall għandu jiżgura li l-qafas PPP legali u istituzzjonali l-ġdid huwa applikat u li l-kuntratti PPP tat-toroq ikomplu jiġu negozjati mill-ġdid bi qbil mal-pjan strateġiku ippreżentat mill-Gvern u mar-reviżjoni tal-qafas regolatorju, sabiex jinkisbu gwadanji fiskali sostanzjali, partikolarment fl-2013;

(u) Il-Portugall għandu jkompli jiffoka fuq miżuri biex jiġu miġġielda l-frodi u l-evażjoni tat-taxxa u biex tissaħħaħ il-konformità tal-kontribwenti.

8. Il-Portugall għandu jadotta l-miżuri li ġejjin matul l-2014, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet fil-Memorandum ta' Qbil:

(a) Id-defiċit ġenerali tal-Gvern ma għandux jaqbeż l-4 % tal-PDG fl-2014. Għall-kalkolu ta' dan id-defiċit, ma għandhomx jiġu kkunsidrati l-ispejjeż baġitarji possibbli tal-miżuri ta' appoġġ tal-banek fil-kuntest tal-istrateġija tas-settur finanzjarju tal-Gvern. Biex jintlaħaq dan l-objettiv il-Portugall għandu jwettaq miżuri ta' konsolidazzjoni tal-valur ta' 2,3 % tal-PDG, primarjament permezz tal-Liġi Baġitarja tal-2014. Il-miżuri għandhom ikunu prinċipalment ta' natura permanenti u jxaqilbu lejn l-iffrankar mill-infiq;

(b) Il-pakkett ta' konsolidazzjoni għandu jibni fuq il-miżuri li jnaqqsu l-infiq li kienu tħejjew fil-qafas tal-analiżi tal-infiq pubbliku (PER). B'mod globali, l-ammont ta' dawn il-miżuri għandu jammonta għal 1,8 % tal-PDG fl-2014 u għandu jinkludi:

(i) limitazzjoni tan-nefqa minħabba l-ispejjeż tal-pagi tas-settur pubbliku, billi titnaqqas il-forza tax-xogħol tas-settur pubbliku filwaqt li l-kompożizzjoni tagħha tinbidel għal waħda b'impjegati b'ħiliet ogħla, notevolment permezz ta' programm ta' rikwalifikazzjoni u skema ta' sensji volontarji; konverġenza ulterjuri tar-regoli tax-xogħol tas-settur pubbliku u dak privat (inkluża ż-żieda fis-sigħat tax-xogħol u t-tnaqqis tal-vaganzi) u l-introduzzjoni ta' skala unika tal-pagi kif ukoll is-semplifikazzjoni tas-supplimenti tal-paga. Il-kontribuzzjonijiet tal-benefiċjarji għall-iskemi speċjali tal-assigurazzjoni tal-ħajja għandhom jiżdiedu u għalhekk jikkontribwixxu għat-titjib tal-ekwità u l-effiċjenza tal-infiq pubbliku;

(ii) riformi tas-sistema tal-pensjoni b'żieda fl-età statutorja tal-irtirar permezz ta' tibdil fil-fattur tas-sostenibbiltà; allinjament tar-regoli għall-kalkoli tal-benefiċċji tal-pensjoni bejn ir-reġim tal-pensjoni taċ-ċivil (CGA) u s-sistema ġenerali tal-pensjoni, filwaqt li jiġu mħarsal-benefiċċji taħt il-livelli minimi; u s-semplifikazzjoni tal-pensjonijiet tas-superstiti kemm tas-CGA kif ukoll tar-reġim ġenerali tal-pensjoni, f'każijiet fejn dawn jakkumulaw ma' pensjonijiet oħra;

(iii) tfaddil fil-konsum intermedju u fil-programmi ta' infiq fil-Ministeri kompetenti kollha. Minħabba r-riskji politiċi u legali, uħud mill-miżuri jistgħu jkunu parzjalment jew totalment sostitwiti minn oħrajn ta' daqs u kwalità ekwivalenti.

(c) Ir-reviżjoni tan-nefqa pubblika għandha tiġi kkumplimentata minn miżuri permanenti oħra dwar id-dħul bil-għan li jkomplu t-titjib tal-effiċjenza u l-ekwità tal-istruttura attwali tat-taxxa u l-benefiċċji (b'valur ta' 0,4 % tal-PDG). B'mod partikolari, t-tassazzjoni fuq spejjeż relatati mal-karozzi tal-kumpanija għandha tiżdied u t-tassazzjoni ambjentali u dik relatata mas-saħħa għandha tiġi mtejba billi tinbidel it-tassazzjoni tal-karozzi diżil tal-passiġġieri u billi tiżdied is-sisa fuq it-tabakk u fuq ix-xorb alkoħoliku. L-eżenzjonijiet tat-taxxa fit-tassazzjoni tal-proprjetà għall-fondi tal-pensjoni u l-fondi tal-proprjetà immobbli għandhom jitnaqqsu. Il-limiti massimi għall-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali tal-membri ta' korpi statutorji għandhom jitneħħew. Għandha tintalab imposta speċjali fis-settur tal-enerġija u b'hekk jitrażżnu l-kirjiet eċċessivi mis-settur tal-enerġija. Parti mill-introjtu ġġenerat minn din l-imposta għandha tintuża biex jitnaqqas id-dejn tariffarju. Il-liċenzji tal-logħob tal-azzard onlajn għandhom jinbigħu bil-ħsieb li dan is-suq jiġi regolarizzat u din l-attività għandha tkun intaxxata wkoll. Miżata speċjali fuq l-ispettru tal-midja għandha tiġi introdotta u l-imposta fuq l-istituzzjonijiet finanzjarji għandha tiżdied. Barra minn hekk, għadd ta' miżuri ta' darba għandhom jiġu implimentati, aktar milli jiġu bbilanċjati l-ispejjeż li jirriżultaw mill-pagamenti bil-quddiem ta' darba marbuti mal-introduzzjoni tal-iskema ta' sensji bi ftehim reċiproku fis-settur pubbliku. Dawn jinkludu t-trasferiment tal-fond tas-saħħa CTT fis-settur pubbliku, il-bejgħ ta' konċessjoni ta' port u sajlos kif ukoll dividendi speċjali mill-bejgħ ta' riservi taż-żejt eċċessiv minn kumpanija pubblika;

(d) Il-Portugall għandu jippreżenta rapport bl-għanijiet li ġejjin:

(i) li jidentifika rduppjar tas-servizzi u l-ġurisdizzjonijiet u sorsi oħra ta' ineffiċjenzi bejn il-livelli ċentrali u dawk lokali tal-Gvern; u

(ii) biex jorganizza mill-ġdid in-netwerk ta' servizzi deċentralizzati tal-Ministeri prinċipalment permezz tan-netwerk 'Lojas do Cidadão' (punti singoli ta' kuntatt tal-amministrazzjoni u l-utilitajiet) u approċċi oħra, filwaqt li jinkludi żoni ġeografiċi aktar effiċjenti u jintensifika l-użu tas-serivizzi kondiviżi u l-gvern diġitali;

(e) Il-Portugall għandu jkompli r-riorganizzazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tan-netwerk tal-isptarijiet permezz tal-ispeċjalizzazzjoni, il-konċentrazzjoni u t-tnaqqis ta' servizzi tal-isptar, il-ġestjoni konġunta u t-tħaddim konġunt tal-isptarijiet u għandu jiżgura l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni fuq għadd ta' snin għar-riorganizzazzjoni tal-isptarijiet;

(f) Il-Portugall għandu jimplimenta l-pjan biex jinħoloq kumpanija operatriċi indipendenti tal-loġistika tal-gass u tal-elettriku;

(g) Il-Portugall għandu jimplimenta l-miżuri li jtejbu l-funzjonament tas-sistema tat-trasport;

(h) Il-Portugall għandu jivvaluta l-impatt tar-reġim fakultattiv tal-kontabbiltà bbażata fuq il-ħlasijiet tal-VAT.

(i) Il-Portugall għandu jwettaq inventarju u analiżi tal-ispejjeż tar-regolamenti li x'aktarx ikollhom impatt ogħla fuq l-attività ekonomika.

9. Bl-għan li tiġi restawrata l-fiduċja fis-settur finanzjarju, il-Portugall għandu jimmira biex iżomm livell adegwat ta' kapital fis-settur bankarju tiegħu u jiżgura proċess ta' diżingranaġġ b'mod ordinat f'konformità mal-iskadenzi stabbiliti fil-Memorandum ta' Qbil. F'dak ir-rigward, il-Portugall għandu jimplimenta l-istrateġija għas-settur bankarju Portugiż kif miftiehem mal-Kummissjoni, il-BĊE u l-FMI biex tiġi mħarsa l-istabbiltà finanzjarja. B'mod partikolari, il-Portugall għandu:

(a) jimmonitorja t-tranżizzjoni tal-banek għar-regoli ġodda dwar il-kapital kif stabbiliti fil-pakkett tad-Direttiva dwar ir-Rekwiziti ta' Kapital IV (CRD IV) u jiżgura li l-bafers kapitali jibqgħu proporzjonali mal-ambjent operazzjonali diffiċli;

(b) jagħti pariri lill-banek biex jissaħħu l-bafers kollaterali tagħhom fuq bażi sostenibbli;

(c) jiżgura diżingranaġġ ibbilanċjat u ordnat tas-settur bankarju, li jibqa' importanti fl-eliminazzjoni b'mod permanenti tal-iżbilanċi ta' finanzjament, u li jnaqqas id-dipendenza fuq il-finanzjament mill-Eurosistema fuq terminu medju. Il-pjanijiet tal-banek għall-finanzjament u l-kapital għandhom jiġu riveduti kull tliet xhur;

(d) jinkoraġġixxi d-diversifikazzjoni ta' alternattivi ta' finanzjament għas-settur korporattiv u b'mod partikolari l-SMEs permezz ta' sensiela ta' miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-aċċess tagħhom għas-swieq kapitali;

(e) ikompli jissemplifika l-grupp CGD tal-Istat;

(f) jesternalizza l-ġestjoni tal-krediti tal-BPN attwalment miżmuma minn Parvalorem lid-ditti magħżula permezz tal-proċess tal-offerti b'mandat biex gradwalment jirkupra l-assi; u jiżgura d-disponiment f'waqtu tas-sussidjarji ta', u l-assi fi, iż-żewġ vetturi l-oħra bi skop speċjali tal-Istat;

(g) fuq il-bażi tal-proposti għat-tħeġġiġ tad-diversifikazzjoni tal-alternattivi ta' finanzjament ippreżentati lis-settur korporattiv, jiżviluppa u jimplimenta soluzzjonijiet li jipprovdu alternattivi ta' finanzjament għal kreditu bankarju tradizzjonali għas-settur korporattiv; u jevalwa l-lok għat-titjib tal-prestazzjoni u l-governanza tal-linji ta' kreditu eżistenti sponsorjati mill-Gvern filwaqt li jkompli jibni fuq ir-riżultati tal-awditu estern riċenti u l-pjan direzzjonali ppreżentat;

(h) janalizza l-pjanijiet ta' rkupru tal-banek u joħroġ linji gwida dwar is-sistema tal-pjanijiet ta' rkupru u jipprepara pjanijiet ta' riżoluzzjoni fuq il-bażi tar-rapporti ppreżentati mill-banek. Il-Gvern għandu jippreżenta lill-Parlament Portugiż l-emendi meħtieġa għal-liġi dwar ir-rikapitalizzazzjoni li jirriflettu l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Awwissu 2013, tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat għal miżuri ta' appoġġ favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja;

(i) jimplimenta l-qafas għall-istituzzjonijiet finanzjarji biex jibdew ristrutturar tad-dejn barra l-qorti għall-unitajiet domestiċi, jiffaċilta l-applikazzjoni għar-ristrutturar tad-dejn korporattiv u jimplimenta pjan ta' azzjoni għas-sensibilizzazzjoni dwar l-għodod tar-ristrutturar;

(j) jipprepara rapporti kull tliet xhur dwar l-implimentazzjoni tal-għodod ġodda tar-ristrutturar; fuq il-bażi tal-istħarriġ imwettaq riċentement, jesplora alternattivi biex iżid l-irkupru b'suċċess tal-kumpaniji li jkunu aderenti mal-PER (il-Proċedura Speċjali ta' Rivitalizzazzjoni għall-kumpaniji f'taqlib finanzjarju serju) u SIREVE (is-Sistema ta' Rkupru tal-Kumpaniji permezz ta' Ftehimiet Extraġudizzjarji għall-kumpaniji f'qagħda ekonomika diffiċli jew insolvenza imminenti jew attwali).

(*) Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fil-jum tan-notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. LINKEVIČIUS

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

## tad-19 ta' Novembru 2013

## li tapprova l-aġġornament tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku tal-Portugall

(2013/704/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 japplika għall-Istati Membri li, fil-waqt tad-dħul fis-seħħ tiegħu jkunu diġà qed jirċievu assistenza finanzjarja, inklużi dawk mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM) u/jew mill-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF).

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 jistabbilixxi regoli għall-approvazzjoni ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għall-Istati Membri li jirċievu din l-assistenza finanzjarja, li jeħtieġu li jkunu applikati flimkien mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 ([2]) meta l-Istat Membru kkonċernat jirċievi l-assistenza kemm mill-EFSM kif ukoll minn sorsi oħra.

(3) Il-Portugall ingħata assistenza finanzjarja kemm mill-EFSM, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE ([3]), kif ukoll mill-EFSF.

(4) Għal raġunijiet ta' konsistenza l-approvazzjoni tal-aġġornament tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku għall-Portugall skont ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 għandu jsir b'referenza għad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE.

(5) B'konformità mal-Artikolu 3(10) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE, il-Kummissjoni, flimkien mal-Fond Monetarju Internazzjonali u u f'kooperazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew, wettqet it-tmien u d-disa' analiżi sabiex tivvaluta l-progress li għamlu l-awtoritajiet Portugiżi fuq l-implimentazzjoni tal-miżuri miftiehma taħt il-programm ta' aġġustament makroekonomiku, kif ukoll tal-effettività u l-impatt ekonomiku u soċjali tagħhom. Bħala konsegwenza ta' dik l-analiżi, għandhom isiru xi tibdiliet għall-programm ta' aġġustament makroekonomiku eżistenti.

(6) Dawk il-bidliet huma stipulati fid-dispożizzjonijiet relevanti tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE kif emendata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill Nru 2013/703/UE tad-19 ta' Novembru 2013 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall ([4]).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 3 minn (7) sa (9) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/344/UE li se jittieħdu mill-Portugall bħala parti mill-programm ta' aġġustament makroekonomiku tiegħu huma b'dan approvati.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tieħu effett fil-jum tan-notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. LINKEVIČIUS

---

([1]) ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1.

([2]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 407/2010 tal-11 ta' Mejju 2010 li jistabbilixxi mekkaniżmu Ewropew ta' stabbilizzazzjoni finanzjarja (ĠU L 118, 12.5.2010, p. 1).

([3]) Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/344/UE tas-17 ta' Mejju 2011 dwar l-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Portugall (ĠU L 159, 17.6.2011, p. 88).

([4]) Ara paġna 31 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-29 ta' Novembru 2013

## li tawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-estratt mill-għalla tas-serduq bħala ingredjent tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

*(notifikata bid-dokument C(2013) 8319)*

**(It-test bl-Ispanjol biss huwa awtentiku)**

(2013/705/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 1997 dwar l-ikel il-ġdid u l-ingredjenti tal-ikel il-ġdid ([1]), u partikolarment l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-8 ta' Frar 2011, il-kumpanija Bioiberica S.A. għamlet talba lill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit biex tqiegħed l-estratt mill-għalla tas-serduq fis-suq bħala ingredjent alimentari ġdid;

(2) Fil-25 ta' Ottubru 2011 l-entità kompetenti tal-valutazzjoni tal-ikel tar-Renju Unit ħarġet ir-rapport ta' valutazzjoni inizjali tagħha. F'dak ir-rapport din waslet għall-konklużjoni li l-estratt mill-għalla tas-serduq għall-użu f'ċertu ikel fil-livelli proposti mill-applikant jissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

(3) Fl-10 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni ppreżentat ir-rapport ta' valutazzjoni inizjali lill-Istati Membri l-oħra.

(4) Tqajmu oġġezzjonijiet motivati fi żmien il-perjodu ta' 60 jum stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(4) tar-Regolament (KE) Nru 258/97. B'mod partikolari, tqajmu kwistjonijiet dwar l-ispeċifikazzjonijiet u l-effetti allerġiċi possibbli tal-prodott.

(5) Fit-22 ta' Mejju 2012 il-Kummissjoni kkonsultat mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) fejn talbet lill-Qorti biex twettaq valutazzjoni oħra għall-estratt mill-għalla tas-serduq bħala ingredjent tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97.

(6) Fil-31 ta' Mejju 2013 l-Awtorità adottat Opinjoni Xjentifika dwar l-estratt mill-għalla tas-serduq ([2]), billi kkonkludiet li huwa sikur fir-rigward tal-użijiet u tal-livelli tal-użu proposti.

(7) L-Opinjoni Xjentifika tagħti raġunijiet suffiċjenti biex jiġi stabbilit li l-estratt mill-għalla tas-serduq għall-użijiet u l-livelli tal-użu proposti jikkonforma mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 258/97.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-estratt mill-għalla tas-serduq kif speċifikat fl-Anness I jista' jiġi kkummerċjalizzat bħala ingredjent għall-użijiet iddefiniti u fil-livelli massimi stabbiliti fl-Anness II.

*Artikolu 2*

Id-denominazzjoni tal-estratt mill-għalla tas-serduq, awtorizzata b'din id-Deċiżjoni li trid tidher fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom dan l-ingredjent għandha tkun "estratt mill-għalla tas-serduq" jew "estratt mill-għalla tal-kapuċċell".

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Bioiberica S.A., Plaça Francesc Macià, 7. 8B, 08029 Barcelona Spain.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*

Tonio BORG

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 43, 14.2.1997, p. 1.

([2]) *EFSA Journal* 2013; 11(6):3260.

*ANNESS I*

## SPEĊIFIKAZZJONI TAL-ESTRATT MILL-GĦALLA TAS-SERDUQ

**Definizzjoni**

L-estratt mill-għalla tas-serduq jinkiseb minn *Gallus gallus* b'idrolisi enżematiku tal-għalla tas-serduq u permezz ta' stadji sussegwenti ta' filtrazzjoni, konċentrazzjoni u preċipitazzjoni. Il-kostitwenti prinċipali tal-estratt mill-għalla tas-serduq huma aċidu ħijaluroniku glikosaminoglikani, sulfat tal-kondrojtin A u sulfat tal-kondrojtin B.

| | |
|---|---|
| Aċidu ħijaluroniku | 60–80 % |
| Sulfat tal-kondrojtin A | Mhux aktar minn 5 % |
| Sulfat tad-dermatan (Sulfat tal-kondrojtin B) | Mhux aktar minn 25 % |

**Deskrizzjoni**

Trab igroskopiku abjad jew kważi abjad.

**Identifikazzjoni**

| | |
|---|---|
| pH | 5,0-8,5 |

**Purità**

| | |
|---|---|
| Kloruri | Mhux aktar minn 1 % |
| Nitroġenu | Mhux aktar minn 8 % |
| Telf fit-tnixxif (105 °C għal 6 sigħat) | Mhux aktar minn 10 % |
| Merkurju | Mhux aktar minn 0,1 mg/kg |
| Arseniku | Mhux aktar minn 1 mg/kg |
| Kadmju | Mhux aktar minn 1 mg/kg |
| Kromju | Mhux aktar minn 10 mg/kg |
| Ċomb | Mhux aktar minn 0,5 mg/kg |

**Kriterji mikrobijoloġiċi**

| | |
|---|---|
| Għadd aerobiku totali vijabbli | Mhux aktar minn $10^2$ cfu/g |
| *Escherichia coli* | Nieqsa fi 1 g |
| *Salmonella* spp. | Nieqsa fi 1 g |
| *Staphylococcus aureus* | Nieqsa fi 1 g |
| *Pseudomonas aeruginosa* | Nieqsa fi 1 g |

*ANNESS II*

**Speċifikazzjoni tal-użijiet tal-estratt mill-għalla tas-serduq**

| Kategorija tal-ikel | Livell massimu ta' użu (mg/100 g jew mg/100 ml) |
|---|---|
| Xarbiet ibbażati fuq il-ħalib | 40 |
| Xarbiet ibbażati fuq il-ħalib iffermentat | 80 |
| Prodotti tat-tip jogurt | 65 |
| *Fromage frais* | 110 |

# DEĊIŻJONI TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-29 ta’ Novembru 2013

## li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE dwar l-istatus ta’ ħelsien mill-mard tad-Danimarka għas-settiċemija emorraġika virali u tal-Irlanda u t-territorju tal-Irlanda ta’ fuq tar-Renju Unit għall-marda virali tal-erpete tal-koi

*(notifikata bid-dokument C(2013) 8385)*

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

(2013/706/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta’ Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta’ ċertu mard f’annimali akkwatiċi [1], u b’mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 44(1), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 44(2), 49(1) u l-Artikolu 50(3) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/177/KE [2] tistabbilixxi lista ta’ Stati Membri, żoni u kompartimenti soġġetti għal programmi ta’ sorveljanza u qerda approvati, fir-rigward ta’ marda waħda jew aktar mill-mard mhux eżotiku elenkat fil-Parti II tal-Anness IV tad-Direttiva 2006/88/KE. Id-Deċiżjoni 2009/177/KE tistipula wkoll lista ta’ Stati Membri, żoni u kompartimenti ddikjarati ħielsa mill-mard fir-rigward ta’ marda waħda jew aktar minnhom.

(2) Id-Danimarka ressqet quddiem il-Kummissjoni programm pluriennali għall-qerda tas-septiċemija emorraġika virali (VHS) skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE [3] għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2009 sal-31 ta’ Diċembru 2013. Iż-żoni koperti minn dak il-programm għandhom jiddaħħlu fil-Parti B tal-lista stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE.

(3) Id-Danimarka nnotifikat lill-Kummissjoni dikjarazzjoni rigward il-finalizzazzjoni ta’ programm pluriennali għall-qerda tas-septiċemija emorraġika virali (VHS) u dwar il-qerda b’suċċess tagħha mit-territorju kontinentali sħiħ tad-Danimarka. Id-dikjarazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għal dikjarazzjoni ta’ ħelsien mill-mard stabbiliti fid-Direttiva 2006/88/KE. Għaldaqstant, it-territorju kontinentali sħiħ tad-Danimarka għandu jiġi ddikjarat ħieles mis-settiċemija emorraġika virali (VHS).

(4) F’Diċembru 2009, l-Irlanda ressqet quddiem il-Kummissjoni programm ta’ sorveljanza pluriennali fir-rigward tal-marda virali tal-erpete tal-koi (KHV) li jkopri t-territorju kollu tal-Irlanda. Iż-żona koperta minn dak il-programm għandha tiddaħħal fil-Parti A tal-lista stabbilita fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE.

(5) L-Irlanda nnotifikat lill-Kummissjoni dikjarazzjoni ta’ ħelsien mill-marda virali tal-erpete tal-koi (KHV). Id-dikjarazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għal dikjarazzjoni ta’ ħelsien mill-mard stabbiliti fid-Direttiva 2006/88/KE. Skont dan, it-territorju kollu tal-Irlanda għandu jiġi ddikjarat ħieles mill-marda virali tal-erpete tal-koi (KHV).

(6) Ir-Renju Unit issottometta lill-Kummissjoni programm ta’ sorveljanza plurieenali fir-rigward tal-marda virali tal-erpete tal-koi (KHV) fit-territorju tal-Irlanda ta’ Fuq tar-Renju Unit f’Jannar 2010.

(7) Fi Frar 2013, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dikjarazzjoni ta’ ħelsien mill-marda virali tal-erpete tal-koi (KHV) fit-territorju tal-Irlanda ta’ Fuq tar-Renju Unit. Id-dikjarazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti għal dikjarazzjoni ta’ ħelsien mill-mard stabbiliti fid-Direttiva 2006/88/KE. Skont dan, it-territorju tal-Irlanda ta’ Fuq tar-Renju Unit għandu jiġi ddikjarat ħieles mill-marda tal-virus tal-erpete tal-koi (KHV).

(8) Il-Partijiet A, B u C tal-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(9) Il-miżuri stipulati f’din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

[1] ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14.

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/177/KE tal-31 ta’ Ottubru 2008 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE dwar programmi ta’ sorveljanza u qerda u status ta’ ħelsien minn mard ta’ Stati Membri, żoni u kompartimenti (ĠU L 63, 7.3.2009, p. 15).

[3] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta’ Ġunju 1990 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju (ĠU L 224, 18.8.1990, p. 19).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Novembru 2013.

*Għall-Kummissjoni*
Tonio BORG
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti A,

L-entrata għall-Irlanda fir-rigward tal-marda virali tal-erpete tal-koi (KHV) titħassar.

(2) Il-Parti B,

L-entrata għad-Danimarka fir-rigward tas-settiċemija emorraġika virali (VHS) titħassar.

(3) Il-Parti C,

(a) L-entrata għad-Danimarka fir-rigward tas-settiċemija emorraġika virali (VHS) tinbidel b'dan li ġej:

| | | |
|---|---|---|
| "Id-Danimarka | DK | It-territorju kontinetali sħiħ" |

(b) Tiddaħħal l-entrata li ġejja għall-Irlanda fir-rigward tal-marda virali tal-erpete tal-koi (KHV):

| | | |
|---|---|---|
| "L-Irlanda | IE | It-territorju sħiħ" |

(c) Tiddaħħal l-entrata li ġejja għar-Renju Unit fir-rigward tal-marda virali tal-erpete tal-koi (KHV):

| | | |
|---|---|---|
| "Ir-Renju Unit | UK | It-territorju tal-Irlanda ta' Fuq" |

## RETTIFIKA

**Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2007 tad-9 ta' Ġunju 2005 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 872/2004 li jirrigwarda iktar miżuri restrittivi li għandhom x'jaqsmu mal-Liberja**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 146 tal-10 ta' Ġunju 2005)*

Ir-Regolament għandu jaqra kif ġej:

**"REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 874/2005**

**tad-9 ta' Ġunju 2005**

**li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 872/2004 li jirrigwarda aktar miżuri restrittivi li għandhom x'jaqsmu mal-Liberja**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 872/2004 li jirrigwarda iktar miżuri restrittivi li għandhom x'jaqsmu mal-Liberja, ([1]) u partikolarment l-Artikolu 11 (a) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 872/2004 jelenka l-persuni fiżiċi u ġuridiċi, korpi u entitajiet li huma koperti mill-iffriżar tal-fondi u tar-riżorsi ekonomiċi, skont dan ir-Regolament.

(2) Fit-2 ta' Mejju 2005, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jinkludi informazzjoni ta' identifikazzjoni addizzjonali dwar l-entrati li għalihom għandu japplika l-iffriżar tal-fondi u r-riżorsi ekonomiċi. L-Anness I għandu għalhekk jiġi emendat f'dan is-sens,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 872/2004 huwa sostitwit bl-Anness ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ġunju 2005.

*Għall-Kummissjoni*
Eneko LANDÁBURU
*Id-Direttur Ġenerali tar-Relazzjonijiet Esterni*

([1]) ĠU L 162, 30.4.2004, p. 32, kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2136/2004, ĠU L 369, 16.12.2004, p. 14.

*ANNESS*

*'ANNESS I*

**Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, korpi jew entitajiet imsemmija fl-Artikolu 2**

(1) Cyril Allen. Data tat-twelid: 26.7.1952. Tagħrif ieħor: Eks-President, National Patriotic Party.

(2) Viktor Anatoljevitch Bout (*alias* (a) Butt, (b) Bont, (c) Butte, (d) Boutov, (e) Vitali Sergitov). Data tat-twelid: (a) 13.1.1967, (b) 13.1.1970. Nri tal-passaport: (a) 21N0532664 (b) 29N0006765 (c) 21N0557148 (d) 44N3570350. Tagħrif ieħor: Kummerċjant, negozjant u trasportatur ta' armi u minerali.

(3) Charles R. Bright. Data tat-twelid: 29.8.1948. Tagħrif ieħor: Eks-Ministru tal-Finanzi.

(4) M. Moussa Cisse (*alias* Mamadee Kamara). Data tat-twelid: (a) 24.12.1946, (b) 14.12.1957, (c) 26.6.1944, (d) 26.7.1946, (d) 24.12.1944. Passaporti: (a) Passaport Diplomatiku Liberjan: D001548-99, (b) Passaport Ordinarju Liberjan 0058070 (validu 10/01/00–09/01/05; isem: Mamadee Kamara, data tat-twelid: 26.7.1946, post tat-twelid: Gbarnga, Bound County); (c) Passaport Diplomatiku Liberjan 001546 (validu 01/08/99–30/08/01, data tat-twelid: 24.12.1944, post tat-twelid: Ganta, Nimba County); Passaport Diplomatiku Liberjan D/000953-98. Tagħrif ieħor: Eks-Kap tal-Protokoll Presidenzjali. President tal-Mohammad Group of companies.

(5) Randolph Cooper (*alias* Randolf Cooper). Data tat-twelid: 28.10.1950. Tagħrif ieħor: Eks-Direttur Maniġerjali ta' Robertsfield International Airport.

(6) Jenkins Dunbar. Data tat-twelid: (a) 10.1.1947, (b) 10.6.1947. Tagħrif ieħor: Eks-Ministru tal-Artijiet, tal-Minjieri, tal-Enerġija.

(7) Martin George. Tagħrif ieħor: L-Ambaxxatur tal-Liberja għar-Repubblika Federali tan-Niġerja

(8) Myrtle Gibson. Data tat-twelid: 3.11.1952. Tagħrif ieħor: Eks-Senatriċi, Konsulenta tal-eks-President Liberjan Charles Taylor.

(9) Reginald B. Goodridge (Senior) (*alias* Goodrich). Data tat-twelid: 11.11.1952. Tagħrif ieħor: Eks-Ministru għall-Kultura, l-Informazzjoni, u t-Turiżmu.

(10) Baba Jobe. Data tat-twelid: 1959. Nazzjonalità: Gambjan. Tagħrif ieħor: Eks-Direttur tal-Gambia New Millenium Air Company Eks-Membru Parlamentari tal-Gambja Fil-ħabs fil-Gambia.

(11) Joseph Wong Kiia Tai. Tagħrif ieħor: Eżekuttiv tal-Oriental Timber Company.

(12) Ali Kleilat. Data tat-twelid: 10.7.1970. Post tat-twelid: Bejrut. Nazzjonalità: Libaniża.

(13) Gus Kouwenhoven (*alias* (a) Kouvenhoven, (b) Kouenhoven, (c) Kouenhaven. Data tat-twelid: 15.9.1942. Tagħrif ieħor: Sid ta' Hotel Africa; President tal-Oriental Timber Company.

(14) Leonid Yukhimovich Minin (*alias* (a) Blavstein, (b) Blyuvshtein, (c) Blyafshtein, (d) Bluvshtein, (e) Blyufshtein, (f) Vladamir Abramovich Kerler (g) Vladimir Abramovich Kerler, (h) Vladimir Abramovich Popilo-Veski (i) Vladimir Abramovich Popiloveski, (j) Vladimir Abramovich Popela, (k) Vladimir Abramovich Popelo, (l) Wulf Breslan, (m) Igor Osols). Data tat-twelid: (a) 14.12.1947, (b) 18.10.1946). Post tat-twelid: Odessa, USSR (issal-Ukraina). Nazzjonalità: Israeljana. Passaporti Ġermaniżi foloz (isem: Minin): (a) 5280007248D, (b) 18106739D. Passaporti Iżraeljani: (a) 6019832 (validu 6/11/94-5/11/99), (b) 9001689 (validu 23/1/97-22/1/02), (c) 90109052 (maħruġ fis-26/11/97). Passaport Russu: KI0861177; Passaport Bolivjan: 65118; Passaport Grieg: l-ebda dettall. Tagħrif ieħor: Sid ta' Exotic Tropical Timber Enterprises.

(15) Grace Beatrice Minor. Data tat-twelid: 31.5.1942. Tagħrif ieħor: Konsulent ewlieni tal-eks-President Charles Taylor.

(16) Sanjivan Ruprah (*alias* Samir Nasr). Data tat-twelid: 9.8.1966. Nri tal-passaport: (a) D-001829-00, (b) D-002081-00. Tagħrif ieħor: Kummerċjant, eks-Deputat Kummissarju tal-Bureau of Maritime Affairs.

(17) Mohamed Ahmad Salame (*alias* (a) Mohamed Ahmad Salami, (b) Ameri Al Jawad, (c) Jawad Al Ameri, (d) Moustapha Salami, (e) Moustapha A Salami). Data tat-twelid: (a) 22.9.1961, (b) 18.10.1963. Post tat-twelid: Abengourou, il-Côte d'Ivoire. Nazzjonalità: Libaniża. Passaporti: (a) Passaport Libaniż Ordinarju: 1622263 (validu 24/04/01-23/04/06), (b) Passaport Diplomatiku Togoliż: 004296/00409/00 (validu 21/08/02-23/08/07), (c) Passaport Diplomatiku Liberjan: 000275 (validu 11/01/98-10/01/00), (d) Passaport Diplomatiku Liberjan: 002414 (validu 20/06/01-19/06/03, isem: Ameri Al Jawad, data tat-twelid: 18.10.1963, post tat-twelid: Ganta, Nimba County), (e) Passaport Ivorjan Passport, (f) Passaport Diplomatiku Liberjan: D/001217. Tagħrif ieħor: Sid ta' Mohamed and Company Logging Company.

(18) Emmanuel (II) Shaw. Data tat-twelid: (a) 26.7.1956, (b) 26.7.1946. Tagħrif ieħor: Direttur ta' Lonestar Airways. Assoċjat ma' Lone Star Communication Cooperation.

(19) Edwin M., Jr. Snowe. Nazzjonalità: Liberjana. Nru tal-passaport: OR/0056672-01. Tagħrif ieħor: Direttur Maniġerjali tal-Liberian Petroleum and Refining Corporation (LPRC).

(20) Agnes Reeves Taylor (*alias* Agnes Reeves-Taylor). Data tat-twelid: 27.9.1965. Nazzjonalità: Liberjana. Tagħrif ieħor: Eks-mara tal-eks-President Charles Taylor. Eks-Rappreżentant Permanenti tal-Liberja għall-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali. Eks-Membru Anzjan tal-Gvern Liberjan.

(21) Charles "Chuckie" Taylor (Junior). Tagħrif ieħor: Iben l-eks-President Charles Taylor.

(22) Charles Ghankay Taylor (*alias* Charles MacArthur Taylor). Data tat-twelid: (a) 1.9.1947, (b) 28.1.1948. Tagħrif ieħor: Eks-President tal-Liberja

(23) Jewell Howard Taylor (*alias* Howard Taylor). Data tat-twelid: 17.1.1963. Passaport diplomatiku Liberjan: D/003835-04 (validu 04/6/04-03/6/06). Tagħrif ieħor: Mart l-eks-President Charles Taylor.

(24) Tupee Enid Taylor. Data tat-twelid: (a) 17.12.1960, (b) 17.12.1962. Passaport diplomatiku Liberjan: D/002216. Tagħrif ieħor: Eks-mara tal-eks-President Charles Taylor.

(25) Benoni Urey. Data tat-twelid: 22.6.1957. Passaporti: (a) Passaport diplomatiku Liberjan: D-00148399, (b) Kummissarju tal-Passaport Marittimu: D/002356. Tagħrif ieħor: Eks-Kummissarju tal-Affarijiet Marittimi tal-Liberja.

(26) Benjamin D. Yeaten. (*alias* Benjamin D. Yeaton). Data tat-twelid: (a) 28.2.1969, (b) 29.2.1969. Post tat-twelid: Tiaplay, Nimba County. Passaport Diplomatiku Liberjan D00123299 (validu 10/02/99-09/02/01, data tat-twelid: 29.2.1969). Tagħrif ieħor: Eks-Direttur, Special Security Services. Eks kap tal-iSpecial Security Unit fil-Liberja.' "

2013/705/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Novembru 2013 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-estratt mill-għalla tas-serduq bħala ingredjent tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata bid-dokument C(2013) 8319)* 39

2013/706/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Novembru 2013 li temenda l-Anness I tad-Deċiżjoni 2009/177/KE dwar l-istatus ta' ħelsien mill-mard tad-Danimarka għas-settiċemija emorraġika virali u tal-Irlanda u t-territorju tal-Irlanda ta' fuq tar-Renju Unit għall-marda virali tal-erpete tal-koi** *(notifikata bid-dokument C(2013) 8385)* ([1]) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 42

---

**Rettifika**

★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2007 tad-9 ta' Ġunju 2005 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 872/2004 li jirrigwarda iktar miżuri restrittivi li għandhom x'jaqsmu mal-Liberja** (ĠU L 146, 10.6.2005) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 44

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT